– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta’ Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali[5], u b’mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)

---

1 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI:
2 ĠU C, C/2025/5407, 13.10.2025, ELI:
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI:
4 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI:
5 ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1, ELI:

2019/715 tat-18 ta’ Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u b’mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għas-Saħħa Pubblika, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0087/2026),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2024;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

6 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI:

65. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta’ April 2026 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2024 (2025/2156(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2024 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta’ Marzu 2026 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024 (05750/2026 – C10-0148/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[4], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE)

---

1 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI:
2 ĠU C, C/2025/5407, 13.10.2025, ELI:
3 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI:
4 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI:

Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624[5], u b'mod partikolari l-Artikolu 116 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għas-Saħħa Pubblika, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0087/2026),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2024;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

5 ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1., ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj.

6 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI:

66. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta’ April 2026 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2024 (2025/2156(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, flimkien mar-risposti tal-aġenziji[7],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni[8] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2024 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta’ Marzu 2026 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2024 (05750/2026 – C10-0148/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[9], u b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[10], u

---

7 ĠU C, C/2025/5734, 30.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5734/oj.

8 ĠU C, C/2025/5407, 13.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5407/oj.

9 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj.

10 ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

b’mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624[11], u b’mod partikolari l-Artikolu 116 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta’ Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], u b’mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għas-Saħħa Pubblika, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0087/2026),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2024;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

11 ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj.

12 ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj.

67. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta’ April 2026 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 (2025/2156(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta’ Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2024,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 102 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għas-Saħħa Pubblika, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A10-0087/2026),

A. billi l-aġenziji deċentralizzati, l-aġenziji eżekuttivi u l-korpi l-oħra tal-

Unjoni huma entitajiet ġuridiċi distinti stabbiliti biex iwettqu kompiti tekniċi, xjentifiċi jew maniġerjali speċifiċi li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jfasslu u jimplimentaw il-politiki; billi huma jinsabu fi Stati Membri differenti u għandhom influwenza sinifikanti f'oqsma ta' importanza essenzjali għall-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni, bħas-saħħa, is-sikurezza, is-sigurtà, il-libertà u l-ġustizzja; ifakkar li l-proċedura ta' kwittanza mhijiex biss eżerċizzju tekniku ta' kontabbiltà, iżda strument ewlieni ta' obbligu ta' rendikont demokratiku li permezz tiegħu l-Parlament jivvaluta jekk il-korpi tal-Unjoni jaġixxux f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;

B. billi din ir-riżoluzzjoni tinkludi, għal kull korp skont it-tifsira tal-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u għall-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom, l-osservazzjonijiet trażversali li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet ta' kwittanza f'konformità mal-Artikolu 268 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u l-Artikolu 3 tal-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew;

C. billi l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni u l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għandhom jiffukaw fuq missjonijiet b'valur miżjud Ewropew ċar u l-organizzazzjoni ta' dawn il-missjonijiet għandha tiġi ottimizzata biex jiġu evitati duplikazzjonijiet fl-aħjar interessi tal-kontribwent tal-Unjoni;

D. billi fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza għandha l-għan li tenfasizza l-importanza sinifikanti li ttejjeb il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; billi dan jinvolvi t-titjib tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' baġitjar abbażi tal-prestazzjoni u l-iżgurar ta' governanza tajba tar-riżorsi umani;

E. billi l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll baġitarju hija bbażata fuq żewġ prinċipji: minn naħa waħda, l-iżgurar li l-baġit tal-Unjoni jintefaq kif suppost u b'mod trasparenti, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni flimkien mal-ġlieda kontra l-frodi;

F. billi, fl-2012, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea adottaw "Dikjarazzjoni Konġunta"[1] u sett komprensiv ta' prinċipji ta' gwida – "Approċċ Komuni" fl-anness tiegħu – biex l-aġenziji jsiru aktar koerenti, effettivi u responsabbli; billi l-Kummissjoni impenjat ruħha li ssegwi dan il-ftehim, meta

---

[1] Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati ta' Lulju 2012 (https://european-union.europa.eu/document/download/d4199ff4-1e3d-45e6-af7e-90cf1a7b10bc_en?filename=joint_statement_on_decentralised_agencies_en.pdf).

rilevanti f'kooperazzjoni mal-aġenziji;

G. billi filwaqt li jirrikonoxxu l-karattru legalment mhux vinkolanti tad-Dikjarazzjoni Konġunta u tal-Approċċ Komuni fl-anness tagħha, u mingħajr preġudizzju għall-attributi tagħhom fil-proċeduri baġitarji leġiżlattivi u annwali, l-istituzzjonijiet se jqisu l-Approċċ Komuni fil-kuntest tad-deċiżjonijiet futuri kollha tagħhom dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni, wara analiżi każ b'każ;

H. billi, għas-sena finanzjarja 2024, il-Qorti tal-Awdituri ħarġet opinjonijiet mhux kwalifikati għal kważi l-aġenziji kollha; billi ż-żamma ta' standards għoljin ta' ġestjoni finanzjarja tajba, sistemi ta' kontroll intern effettivi u dixxiplina baġitarja tibqa' essenzjali biex jiġi żgurat l-użu xieraq u trasparenti tal-fondi tal-Unjoni u biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

I. billi l-aġenziji tal-Unjoni raw ambitu dejjem akbar ta' responsabbiltajiet f'dawn l-aħħar snin; billi huma meħtieġa riżorsi adegwati u prevedibbli, flimkien ma' strutturi robusti ta' governanza u mekkaniżmi ċari ta' obbligu ta' rendikont, biex ikunu jistgħu jwettqu l-mandati tagħhom b'mod effettiv u biex tiġi ssalvagwardjata l-kredibbiltà tal-Unjoni;

J. billi l-inċident taċ-ċibersigurtà li affettwa waħda mill-aġenziji fl-2024 juri l-vulnerabbiltà tal-korpi tal-Unjoni li jittrattaw data sensittiva; billi t-tisħiħ taċ-ċibersigurtà, l-ippjanar tal-kontinwità tan-negozju u s-sistemi ta' kontroll intern għandhom jiġu ttrattati bħala prijorità orizzontali fl-aġenziji kollha;

Punti ġenerali

1. Jinnota li hemm tliet tipi ta' aġenziji tal-UE, aġenziji deċentralizzati, aġenziji eżekuttivi u korpi oħra; ifakkar li din ir-riżoluzzjoni tkopri 31 mit-33 aġenzija deċentralizzata u tnejn mill-erba' korpi l-oħra (l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), u l-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom (ESA));

2. Jirrimarka li filwaqt li l-istabbiliment jew l-espansjoni tal-aġenziji tal-UE huma maħsuba biex itejbu l-kapaċitajiet tal-Unjoni, huwa importanti li jiġi żgurat li dan il-proċess ikun iggwidat minn evalwazzjonijiet bir-reqqa u analiżijiet rigorużi, valutazzjonijiet tal-impatt u turija ċara tal-valur miżjud; biex ikunu jistgħu jittieħdu tagħlimiet u biex tingħata kunsiderazzjoni lit-terminazzjoni tal-mandat tagħhom jekk ikun meħtieġ; jenfasizza li dan l-approċċ mhux biss jiżgura regolamentazzjoni aħjar iżda jtejjeb ukoll l-effettività, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-koerenza tax-xenarju istituzzjonali tal-Unjoni; jissottolinja li kwalunkwe kunsiderazzjoni ta' fużjonijiet, konsolidazzjoni jew terminazzjoni ta' mandati ta' aġenzija trid tkun ibbażata fuq valutazzjoni komprensiva, u b'hekk tikkomplementa kunsiderazzjonijiet baġitarji jew ta' effiċjenza;

3. Jesprimi tħassib dwar il-piż tad-dejn dejjem jikber tal-Unjoni; jinnota li, skont ir-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti"), is-self pendenti meħud mill-Unjoni jista' jaqbeż l-EUR 900 biljun sal-2027, li huwa kważi għaxar darbiet il-livell tad-dejn mill-2020; iwissi li ż-żieda fil-kostijiet tas-self toħloq riskju għall-baġits futuri u jnaqqas l-ispazju fiskali għal prijoritajiet ġodda;

4. Jisħaq li t-trasparenza mhijiex biss obbligu ta' konformità iżda prekundizzjoni għall-fiduċja pubblika fl-aġenziji li jeżerċitaw setgħat regolatorji jew operazzjonali sinifikanti; jistieden lill-aġenziji jippubblikaw b'mod proattiv dokumenti ewlenin ta' kontenut mhux kunfidenzjali fil-ħin u b'mod faċli għall-utent, filwaqt li jsegwu l-prinċipju tal-proporzjonalità, jikkonformaw mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li jqisu t-tħassib dwar is-sigurtà, dak legali, dak strateġiku u tħassib rilevanti ieħor u jirrispettaw ir-regolament u l-mandat tal-aġenzija rispettiva;

5. Ifakkar li l-punt 60 tal-Approċċ Komuni jiddikjara li kull aġenzija għandha tiġi evalwata kull ħames snin; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora sinerġiji u konsolidazzjoni ulterjuri f'attivitajiet, u l-fużjoni possibbli tal-aġenziji b'attivitajiet komplementari, bħall-aġenziji fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività u jiġu razzjonalizzati l-funzjonijiet tal-aġenziji, inklużi rieżamijiet potenzjali tal-mandat fejn jeżistu ineffiċjenzi jew ridondanzi; jinsisti li, f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità, l-effiċjenza u r-responsabbiltà fiskali, l-aġenziji kollha tal-UE għandhom ikunu soġġetti għal rieżamijiet perjodiċi tal-prestazzjoni; jinkoraġġixxi, fejn meħtieġ, l-applikazzjoni tal-klawżola ta' estinzjoni/rieżami biex tinżamm l-effiċjenza u jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi; jemmen li l-effiċjenza baġitarja hija essenzjali għall-funzjonament tal-aġenziji; ifakkar f'dan ir-rigward fir-rakkomandazzjoni tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 22/20202 li tagħti parir lill-Kummissjoni biex iżżid l-użu ta' evalwazzjonijiet trażversali tal-aġenziji fil-kuntest tal-kontrolli tal-idoneità mill-Kummissjoni tal-oqsma ta' politika differenti; jinnota li r-Rapport Speċjali 22/2020 tal-Qorti sab li l-kontribut li jista' jitkejjel tal-aġenziji lejn l-objettivi ta' politika tal-Unjoni mhux dejjem jidher b'mod ċar; jissottolinja li t-33 aġenzija deċentralizzata jimmaniġġjaw aktar minn EUR 4.1 biljun u li, lil hinn mill-kontrolli tal-konformità, il-Parlament jista' jikkunsidra aktar kif jivvaluta l-impatt tagħhom; iħeġġeġ ir-rappurtar dwar sett limitat ta' indikaturi tal-eżitu u tal-impatt u jistieden lin-Network tal-Aġenziji tal-UE, f'kooperazzjoni mal-Qorti, jesplora u, fejn xieraq, jiżviluppa qafas ta' prestazzjoni komuni għas-sottomissjoni lill-awtorità ta' kwittanza;

6. Jisħaq li r-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt jikkostitwixxi prerekwiżit għal prestazzjoni tajba u ġestjoni finanzjarja tajba; iqis li l-aġenziji li jiżguraw konformità sħiħa mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali biss jistgħu jitqiesu li għandhom prestazzjoni sodisfaċenti, irrispettivament mir-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit;

7. Jistieden lill-aġenziji kollha jkomplu jiżguraw il-konformità mad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data fl-operazzjonijiet rispettivi tagħhom;

8. Jenfasizza l-importanza tal-proċedura ta' kwittanza, li mhijiex biss obbligu bbażat fuq it-trattati, iżda wkoll tippromwovi it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, u d-djalogu miftuħ dwar il-finanzi tal-Unjoni; iqis li l-prattika tal-għoti ta' kwittanza permezz ta' arranġamenti ta' governanza stabbiliti fl-atti kostitwenti ta' aġenziji bħall-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), tirrifletti l-oqfsa legali u finanzjarji speċifiċi tagħhom u tiżgura evalwazzjoni u skrutinju xierqa, filwaqt li tappoġġja t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont lejn il-pubbliku; jfakkar fl-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji ffinanzjati bis-sħiħ minnhom infushom (punt 58), li jappella li jiġu esplorati mekkaniżmi ta' responsabbiltà demokratika, inkluż rappurtar annwali lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll it-teħid inkunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom, sabiex jiġi żgurat skrutinju pubbliku fuq l-aġenziji li jimplimentaw il-politiki tal-Unjoni mingħajr rikors għall-baġit ġenerali tal-Unjoni; iqis, madankollu, li idealment l-aġenziji kompletament awtofinanzjati jsiru parti mill-proċedura ta' kwittanza għall-aġenziji taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, jew tal-anqas ikunu soġġetti għal obbligi ta' rappurtar imsaħħa quddiem il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;

9. Jinnota bi tħassib li matul is-snin, l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni ġew fdati b'għadd dejjem akbar ta' kompiti permezz ta' regolamenti riveduti, leġiżlazzjoni ġdida jew ftehimiet ġodda dwar il-livell ta' servizz u ta' delega mal-Kummissjoni, spiss mingħajr ir-riżorsi strutturali korrispondenti jew pożizzjonijiet permanenti; jenfasizza li din ix-xejra rikorrenti toħloq pressjoni operazzjonali li min-naħa tagħha tista' tikkontribwixxi għal dgħufijiet fil-ġestjoni baġitarja u għal dipendenza strutturali dejjem akbar fuq il-kuntratturi esterni, b'mod partikolari fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), taċ-ċibersigurtà u ta' funzjonijiet oħra li jagħmlu l-operat possibbli; iwissi li tali dipendenza fit-tul tista' timmina l-kapaċità istituzzjonali, il-kontinwità, u ż-żamma tal-għarfien, filwaqt li ddgħajjef ukoll is-sovranità diġitali tal-Unjoni u l-integrità personali taċ-ċittadini; jitlob għalhekk li tali dipendenza fit-tul tiġi vvalutata regolarment u li titnaqqas id-dipendenza strutturali fuq konsulenti esterni, b'mod partikolari għall-funzjonijiet ewlenin; jisħaq li l-esternalizzazzjoni eċċessiva ddgħajjef il-memorja istituzzjonali, l-obbligu ta' rendikont u l-valur għall-flus; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-aġenziji jkollhom persunal adegwat biex iwettqu l-mandati tagħhom internament fejn possibbli;

10. Jinnota li n-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt f'ċerti Stati Membri, inklużi l-indipendenza ġudizzjarja u l-kapaċità ta' prosekuzzjoni mdgħajfa,

jistgħu jimminaw l-oqfsa ta’ kooperazzjoni, l-affidabbiltà tad-data u l-integrità operattiva tal-aġenziji; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tindirizza dawn ir-riskji;

11. Jisħaq li t-trasparenza, kontrolli robusti dwar il-kunflitti ta’ interess u regoli ċari li jirregolaw l-interazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati huma salvagwardji essenzjali għall-indipendenza, il-kredibbiltà istituzzjonali u l-obbligu ta’ rendikont tal-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni kif ukoll il-fiduċja tal-pubbliku fil-funzjonament b’saħħtu u robust tagħhom; jissottolinja li ħafna aġenziji joperaw f’setturi fejn hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija, mal-konsulenzi, mal-esperti tekniċi, mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) jew mas-sħab esterni, iżda fejn jibqgħu r-riskji ta’ influwenza indebita, konsultazzjonijiet żbilanċjati jew opaċità; jenfasizza li l-proċeduri trasparenti, id-divulgazzjoni pubblika tal-laqgħat, l-għażla bbilanċjata u trasparenti tal-esperti, u l-iskrinjar kontinwu tal-kunflitt ta’ interess huma indispensabbli biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tal-aġenziji jkunu bbażati biss fuq evidenza oġġettiva u fuq l-interess ġenerali tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-aġenziji kollha jistabbilixxu u jinfurzaw tali miżuri, jappella għal salvagwardji trasparenti, inklużi perjodi ta’ preklużjoni ċari u adegwati, monitoraġġ proattiv u trasparenza tal-interazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati; jirrakkomanda rieżamijiet indipendenti regolari tal-oqfsa ta’ kunflitt ta’ interess, li jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità, u jistieden lill-Kummissjoni u lin-Network tal-Aġenziji tal-UE jippromwovu t-tagħlim bejn il-pari biex itejbu l-istandards ta’ governanza u trasparenza;

12. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ b’mod sinifikanti t-trasparenza tal-proċess ta’ evalwazzjoni tal-esperti u tikkunsidra mekkaniżmi xierqa mmirati biex iżidu l-obbligu ta’ rendikont tal-esperti, filwaqt li tiġi rrispettata għalkollox l-indipendenza tagħhom;

13. Jirrikonoxxi li l-aġenziji deċentralizzati jvarjaw fl-esponiment tagħhom għar-riskji tal-lobbjar skont il-mandat u l-kuntest operattiv tagħhom; jinnota li l-prattiki ta’ trasparenza jvarjaw bejn l-Aġenziji; jinnota li, pereżempju, l-eu-LISA żżomm reġistru ta’ trasparenza ddedikat fuq il-paġna web tagħha li jkopri l-laqgħat kollha tal-maniġment superjuri tagħha mal-operaturi ekonomiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) tipprovdi fuq is-sit web tagħha reġistru b’informazzjoni dwar laqgħat marbuta speċifikament ma’ kwistjonijiet relatati mal-akkwist, l-ECHA tippubblika informazzjoni dwar il-laqgħat li jsiru mill-maniġers superjuri ma’ organizzazzjonijiet ta’ partijiet ikkonċernati esterni; huwa tal-fehma li, filwaqt li mudell wieħed għal kulħadd la jkun proporzjonat u lanqas operazzjonalment sinifikattiv, l-istabbiliment ta’ standards minimi komuni kieku jtejjeb il-koerenza u l-obbligu ta’ rendikont; jinnota t-tweġibiet mogħtija mill-aġenziji fiċ-ċiklu ta’ kwittanza preċedenti, inkluż l-użu jvarja tagħhom tar-Reġistru ta’ Trasparenza u l-fatt li diversi aġenziji diġà introduċew reġistri interni

tat-trasparenza jew sistemi ta’ kunflitt ta’ interess imfassla apposta għall-mandati tagħhom; jistieden lill-aġenziji jadottaw standards minimi bħall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ erba’ għajnejn aħjar minn tnejn, strateġija ċara dwar il-kodiċi ta’ kondotta li tinkludi regoli ċari biex jiġi evitat kunflitt ta’ interess u l-implimentazzjoni ta’ reġistri interni tat-trasparenza speċifiċi bi standards ċari li jirriflettu l-mandat rispettiv tagħhom u r-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data; jenfasizza li tali reġistri tat-trasparenza għandhom ikunu aċċessibbli għall-awdituri fuq bażi ta’ każ b’każ; iqis li l-implimentazzjoni tagħhom għandha tkun progressiva u tagħmel użu mill-possibbiltajiet diġitali ġodda sabiex jiġi evitat li jinħoloq piż amministrattiv mingħajr bżonn u/jew addizzjonali għall-aġenziji;

14. Jinnota li, fl-2024, it-33 aġenzija deċentralizzata rrapportaw li jimpjegaw total ta’ 11 491 membru tal-persunal (meta mqabbel ma’ 10 580 fl-2023), li jinkludu uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati (SNEs), li jirrappreżentaw żieda ta’ 8,61 % meta mqabbel mal-2023; jinnota li filwaqt li l-bilanċ bejn il-ġeneri fl-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni qed jittejjeb, għad hemm disparitajiet sinifikanti; jenfasizza li xi aġenziji, bħall-ACER, l-EASA, l-EIGE, l-eu-LISA u l-Europol, għandhom perċentwal ogħla ta’ membri tal-persunal maskili, filwaqt li aġenziji bħas-CdT, l-EFSA, l-EMA, l-ETF, u l-Eurojust għandhom aktar membri tal-persunal femminili; jinnota li l-perċentwal spiss ikun speċifiku għas-settur; jistieden lill-aġenziji jadottaw strateġiji korrettivi, inklużi proċeduri ta’ promozzjoni trasparenti u żvilupp immirat tat-tmexxija; ifakkar li l-impenn tal-Unjoni li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-pożizzjonijiet maniġerjali għadu ma ntlaħaqx bis-sħiħ; jenfasizza li l-isforzi tal-Kummissjoni f’dan ir-rigward għandhom jittejbu; ifakkar li r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ir-Regolamenti tal-Persunal) jgħid li r-reklutaġġ għandu jkun bbażat fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u bbażati fuq il-mertu u għandu jkun ibbażat ukoll fuq l-aktar bilanċ ġeografiku wiesa’ minn fost l-Istati Membri; jinnota li hemm tendenza naturali li jiġi impjegat perċentwal ogħla ta’ persunal mill-Istat Membru li fih tinsab l-Aġenzija; ifakkar li l-aġenziji li jinsabu f’pajjiżi b’koeffiċjent ta’ korrezzjoni relattivament baxx qed jiffaċċjaw sfidi kontinwi biex jattiraw persunal ikkwalifikat u ġeografikament divers; iħeġġeġ lill-aġenziji jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri fl-istrateġiji tar-riżorsi umani u fil-bordijiet tal-għażla għall-pożizzjonijiet maniġerjali; jistieden lill-Kummissjoni u lin-Network tal-Aġenziji tal-UE jipprovdu l-aħjar prattiki u għodod ta’ valutazzjoni komparattiva biex jappoġġjaw tmexxija bbilanċjata bejn il-ġeneri;

15. Jinnota li, fl-2024, ir-rata tad-dawran tal-impjegati kienet aktar minn 5 % f’16-il aġenzija minn 33 (jiġifieri l-Uffiċċju tal-BEREC, is-CdT, is-Cedefop, is-CEPOL, l-ECDC, l-EEA, l-ELA, l-eu-LISA, l-EU-OSHA, il-Eurofound, il-Eurojust, il-Europol, il-FRA) u li tnejn minnhom qabżu r-rata ta’ 10 % (jiġifieri l-EIT, l-ETF); ifaħħar lill-aġenziji li ħadu miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu rati għoljin ta’ dawran tal-

persunal; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettulhom jirreklutaw aġenti kuntrattwali għal perjodi ta' żmien itwal jew jippermettu għadd akbar ta' aġenti temporanji biex jiggarantixxu l-kontinwità u preżervazzjoni tal-għarfien aħjar; iqis li l-eżawriment, id-dawran u l-impjieg prekarju joħolqu riskji għall-integrità istituzzjonali, il-kontrolli interni u l-ġestjoni finanzjarja tajba; jenfasizza li l-Bordijiet Maniġerjali huma responsabbli għall-integrità u l-obbligu ta' rendikont tal-aġenziji, jiddispjaċih li ma ttieħditx azzjoni sufiċjenti dwar sejbiet serji, u jappella għal trasparenza msaħħa vis-à-vis l-awtorità ta' kwittanza;

16. Jilqa' l-fatt li fl-2024 il-biċċa l-kbira tal-aġenziji adottaw u implimentaw il-Karta dwar id-Diversità u l-Inklużjoni[2], li tippromwovi t-trattament ugwali, id-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol u fil-ħajja soċjali; iħeġġeġ bil-qawwa lil dawk l-Aġenziji li għadhom ma ngħaqdux biex jikkunsidraw li jadottawhom u jimplimentawhom mingħajr dewmien;

17. Jenfasizza li l-istabbiliment ta' mekkaniżmu effettiv tal-ilmenti għall-persunal fl-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni jirrikjedi li l-garanziji ta' kunfidenzjalità b'saħħithom, inklużi kanali ta' rapportar anonimi, jiġu kkombinati ma' proċeduri ċari u armonizzati allinjati mar-Regolamenti tal-Persunal u kkomunikati permezz ta' taħriġ regolari tal-persunal; iqis li l-aġenziji għandhom jaħtru uffiċjali tal-etika jew tal-ilmenti indipendenti u mħarrġa professjonalment, jew għal aġenziji iżgħar jużaw strutturi kondiviżi bejn l-aġenziji, biex jiżguraw it-trattament imparzjali tat-talbiet tal-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rapporti ta' fastidju, il-kunflitti ta' interess, u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta; jistieden lill-aġenziji jiżguraw li l-persunal ikollu aċċess għal kanal ta' eskalazzjoni estern kif ukoll għal protezzjoni b'saħħitha u indipendenti u effettiva kontra r-ritaljazzjoni permezz ta' kontrolli ta' segwitu sistematiċi, filwaqt li t-trasparenza għandha tissaħħaħ permezz ta' rapportar annwali anonimizzat dwar l-ilmenti u l-eżiti, u l-imparzjalità għandha tittejjeb permezz tal-użu ta' bordijiet ta' investigazzjoni għall-aġenziji kollha għal każijiet sensittivi; jistieden li jiġu implimentati mekkaniżmi ta' protezzjoni kontra l-akkużi foloz u d-denunzji;

18. Jinnota r-rwol importanti tan-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN) u b'mod partikolari l-Kumitat Konsultattiv tal-ICT (ICTAC) tiegħu biex jappoġġja l-preparatezza tal-aġenziji għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà permezz ta' koordinazzjoni, kondiviżjoni tal-għarfien u kooperazzjoni msaħħa mad-DĠ DIGIT, mas-CERT-UE u mal-Kumitat Interistituzzjonali għat-Trasformazzjoni Diġitali; jistieden lill-EUAN u lill-ICTAC jipprovdu informazzjoni komprensiva u regolari dwar l-istat ta' implimentazzjoni fl-aġenziji deċentralizzati kollha, inklużi l-isfidi komuni, ir-riskji identifikati, il-

2 https://agencies-network.europa.eu/document/download/04667fb8-be05-4818-9f62-0cb99f0c5538_en?filename=EUAN%20WG%25

ħtiġijiet tar-riżorsi, u l-miżuri ta’ mitigazzjoni ppjanati, sabiex tkun tista’ ssir sorveljanza effettiva; jisħaq fuq il-ħtieġa ta’ ċibersigurtà robusta u li l-użu tal-IA jitwettaq b’kawtela, filwaqt li jiġu nnotati opportunitajiet iżda wkoll riskji finanzjarji u operazzjonali; jistieden lill-aġenziji jivvalutaw il-proċessi appoġġjati mill-IA fil-funzjonijiet finanzjarji, tal-akkwist jew tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u jiżguraw it-trasparenza, id-dokumentazzjoni, l-awditjar, u l-konformità sħiħa mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà;

19. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) ċari, robusti u siewja fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tal-aġenziji tal-UE, peress li dawn ir-rapporti jikkostitwixxu sors primarju ta’ informazzjoni għall-utenti esterni; jinnota li xi sistemi tal-KPIs spiss ma jkollhomx kontinwità, standardizzazzjoni, profondità operazzjonali, metodoloġija dokumentata għall-għażla, għall-aġġornament u għall-irtirar tal-KPIs, trasparenza, komparabbiltà u traċċar pluriennali, u b’hekk jitnaqqsu l-komparabbiltà u l-kapaċità tal-utenti esterni li jivvalutaw il-prestazzjoni b’mod oġġettiv; jissottolinja li l-KPIs għandhom jiġu razzjonalizzati u jkunu mfassla tajjeb, mibnija fuq prinċipji speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u marbuta biż-żmien (SMART) u applikati b’mod konsistenti fiċ-ċikli ta’ rapportar kollha, li huma essenzjali għall-evalwazzjoni tal-effiċjenza, l-effettività u l-progress lejn objettivi strateġiċi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ l-użu ta’ rapportar orjentat lejn ir-riżultati u l-impatt billi ssir enfasi fuq il-materjalità u l-proporzjonalità, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv; jissottolinja li l-indikaturi tal-prestazzjoni jridu jiġu derivati b’mod espliċitu mill-objettivi tal-mandat fundatur ta’ kull aġenzija u jkopru l-outputs, l-eżiti u, fuq kollox, l-impatti; jistieden lill-aġenziji jinkludu analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji u bbaġitjar trasparenti fl-oqfsa ta’ prestazzjoni tagħhom;

20. Jirrikonoxxi l-kooperazzjoni ma’ sħab esterni bħall-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u n-Network tal-Ippjanar Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-immodernizzar tal-metodoloġiji tal-KPIs; jenfasizza li xi aġenziji, bħall-ACER, l-EASA u l-ECDC, żviluppaw indikaturi aktar robusti u operazzjonalment rilevanti; jistieden lill-aġenziji b’sistemi ta’ KPIs inadegwati u li ma jistgħux jitkejlu biex jibbażaw fuq dawn il-mudelli aktar b’saħħithom u jikkondividu b’mod sistematiku l-aħjar prattiki permezz tal-EUAN, sabiex itejbu l-komparabbiltà, itejbu l-utilità tar-RAA għall-utenti esterni, u jsaħħu l-valutazzjoni ġenerali tal-prestazzjoni fl-aġenziji kollha; jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi li l-evalwazzjonijiet kollha tal-aġenziji skont il-punt 60 tal-Approċċ Komuni jivvalutaw b’mod sistematiku l-impatt ta’ kull aġenzija fuq il-qasam ta’ politika tagħha, u li l-programmi jew l-attivitajiet li ma wrewx effettività fi żmien raġonevoli jiġu tterminati, u l-fondi jiġu allokati mill-ġdid għal miżuri aktar effettivi;

21. Jiġbed l-attenzjoni għall-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew

Kontra l-Frodi (OLAF) li jaffettwaw diversi aġenziji: L-ENISA (żewġ każijiet fl-2024, wieħed għaddej, wieħed miċħud, u każ ta' reklutaġġ fl-2025), l-eu-LISA (kunflitt ta' interess u investigazzjonijiet dwar l-akkwist), l-EIT (tliet każijiet relatati mal-KKI konklużi b'EUR 15-20 miljun irkuprati), il-Frontex (żewġ każijiet li għadhom għaddejjin u tmien każijiet konklużi fl-2023-2024), u investigazzjonijiet li għaddejjin fl-ACER u l-EEA; iħeġġeġ lill-aġenziji kollha tal-UE jiżguraw kooperazzjoni sħiħa mal-OLAF, isaħħu l-kontrolli interni, ir-reklutaġġ u s-salvagwardji tal-akkwist, u jipprovdu aktar informazzjoni lill-awtorità ta' kwittanza hekk kif jitneħħew ir-restrizzjonijiet tal-kunfidenzjalità;

22. Ifakkar li l-mandat tal-Frontex ġie estiż b'mod sinifikanti fl-2019, meta Regolament rivedut espanda l-kompiti tagħha u awtorizza korp permanenti ta' 10 000 gwardja tal-fruntiera flimkien ma' żieda korrispondenti fil-baġit; jissottolinja li ż-żidiet fil-baġit, irrispettivament mill-Aġenzija kkonċernata, iridu dejjem ikunu akkumpanjati minn dispożizzjonijiet adegwati dwar l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza;

23. Jinnota li n-nuqqas ta' klawżoli ta' nonparteċipazzjoni (ta' ħruġ) li jippermettu t-terminazzjoni bikrija tal-kuntratti ta' lokazzjoni għadu joħloq riskju finanzjarju għall-aġenziji tal-UE; ifakkar li l-importanza li jiġu inklużi tali klawżoli fil-ftehimiet ta' kiri ġiet enfasizzata mis-sitwazzjoni diffiċli li ffaċċjat l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) wara l-Brexit, li ma setgħetx ittemm il-lokazzjoni fit-tul tagħha f'Londra u kellha tħallas il-kera kemm f'Londra kif ukoll f'Amsterdam b'riżultat ta' dan; jirrikonoxxi li mill-2019 'l hawn, diversi aġenziji introduċew klawżoli ta' esklużjoni, iżda jiddispjaċih għall-fatt li mhux l-aġenziji kollha għamlu dan, inklużi każijiet fejn ġew iffirmati kirjiet ġodda jew imġedda; iħeġġeġ lill-aġenziji u lill-Kummissjoni jintroduċu b'mod sistematiku klawżoli ta' ħruġ meta jinnegozjaw jew iġeddu l-kuntratti ta' lokazzjoni, filwaqt li jqisu t-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza tal-passat, sabiex jillimitaw l-esponiment finanzjarju u jiżguraw flessibbiltà baġitarja akbar;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

24. Jinnota li d-dħul finali totali għall-2024 (wara l-baġits emendatorji) u ċ-ċifri komparattivi għall-2023 għat-33 aġenzija tal-UE li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni kienu mqassma kif ġej[3]:

Isem	**Dħul għall-2024**	**Dħul għall-2023**	**Δ**
ACER	€34.689.993,00	€29.582.967,00	17,26 %

[3] Data skont id-dikjarazzjonijiet tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2024 kif ippubblikati fil-ĠU għal kull aġenzija individwali.

L-Uffiċċju tal-BEREC	€7.932.805,00	€7.697.264,87	3,06 %
CDT[4]	€45.346.300,00	€47.140.900,00	-3,81 %
CEDEFOP	€21.422.022,00	€20.140.610,00	6,36 %
CEPOL	€12.589.437,00	€14.211.723,00	-11,42 %
EASA[5]	€183.306.903,00	€169.665.375,00	8,04 %
EBA	€56.906.201,00	€52.672.001,66	8,04 %
ECDC	€111.257.449,00	€102.526.724,00	8,52 %
ECHA	€128.712.666,00	€123.280.140,00	4,41 %
EEA[6]	€101.655.603,00	€76.114.130,00	33,56 %
EFCA	€30.793.032,00	€30.862.554,00	-0,23 %
EFSA	€154.939.697,00	€148.954.729,00	4,02 %
EIGE	€9.432.057,00	€9.358.919,46	0,78 %
EIOPA	€37.561.192,00	€36.714.492,00	2,31 %
EIT	€463.576.047,00	€367.607.241,00	26,11 %
ELA	€48.693.555,00	€39.973.330,00	21,82 %
EMA	€491.862.000,00	€448.603.000,00	9,64 %
EMSA	€121.648.764,00	€111.954.231,00	8,66 %

[4] Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti mnaqqas.

[5] Korrezzjonijiet baġitarji li jikkorrispondu għal surplus akkumulat imnaqqas.

[6] Il-kontribuzzjoni tal-UE + ta’ pajjiżi terzi tammonta għal EUR 67,8 miljun. Il-kontribuzzjoni tal-għotjiet u tal-FLS tammonta għal EUR 33,8 miljun.

ENISA[7]	€42.219.801,00	€25.183.495,00	67,65 %
ERA	€41.936.376,00	€38.532.447,00	8,83 %
ESA	€270.000,00	€258.160,00	4,59 %
ESMA	€76.055.579,00	€72.509.657,00	4,89 %
ETF	€28.330.702,00	€28.542.956,00	-0,74 %
EUAA	€181.443.839,00	€170.135.127,00	6,65 %
EUDA (EMCDDA)	€32.723.728,00	€22.082.074,00	48,19 %
EU-LISA	€273.679.741,00	€300.524.142,00	-8,93 %
EU-OSHA	€17.618.795,00	€17.038.950,00	3,40 %
EUROFOUND	€24.965.993,00	€25.369.931,00	-1,59 %
EUROJUST	€65.355.970,00	€59.324.460,00	10,17 %
EUROPOL	€225.228.057,00	€212.925.809,00	5,78 %
EUSPA	€85.410.390,00	€76.922.866,00	11,03 %
FRA	€28.052.521,00	€26.191.030,72	7,11 %
FRONTEX	€922.074.136,00	€829.352.752,00	11,18 %
TOTALI	**€4.112.799.136,00**	**€3.741.954.188,71**	**9,91 %**

25. Jinnota li l-baġit ta’ 33 aġenzija tal-UE żdied minn EUR 3.6 biljun fl-2023 għal EUR 4.1 biljun fl-2024; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-kostijiet kumulattivi ta’ ħames snin, filwaqt li tiddistingwi t-tkabbir xprunat mill-mandat minn dak tal-espansjoni amministrattiva, u tiġġustifika aktar żidiet b’valur miżjud tanġibbli; jenfasizza li t-

[7] Matul l-2024, l-ENISA operat b’baġit ta’ EUR 26,2 miljun meta mqabbel mal-baġit tal-2023 ta’ EUR 25,2 miljun. Lejn l-aħħar ta’ Diċembru 2023, ġie ffirmat ftehim ta’ kontribuzzjoni bejn Connect u l-ENISA, li ta total ta’ EUR 20 miljun għall-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet ta’ appoġġ ċibernetiku u taċ-ċentru tas-sitwazzjoni matul l-2024-2026. L-ewwel pagament li jammonta għal EUR 16-il miljun wasal fi Frar 2024 għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet miftiehma.

tkabbir baġitarju jrid ikun akkumpanjat minn governanza aktar b'saħħitha, kontrolli interni, ippjanar tal-persunal u tal-assorbiment biex jiġu evitati l-irregolaritajiet, ir-riporti, u l-infiq ineffettiv; jisħaq li kwalunkwe riżorsa addizzjonali għall-aġenziji trid tkun akkumpanjata minn miri ta' prestazzjoni li jistgħu jitkejlu u rappurtar regolari dwar l-eżiti konkreti miksuba, sabiex l-awtorità ta' kwittanza tkun tista' tivvaluta l-valur għall-flus; jinsisti li qabel ma jiġi approvat finanzjament addizzjonali, l-aġenziji l-ewwel jeħtiġilhom juru li r-riżorsi eżistenti qed jintużaw b'mod effiċjenti;

26. Jinnota li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u aġenziji oħra tal-UE qed jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni relatata mad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtorità baġitarja jipprovdu lill-aġenziji kollha tal-UE riżorsi adegwati u prevedibbli;

27. Jenfasizza li ż-żieda fid-dħul mill-2023 għall-2024 kienet sinifikanti f'xi aġenziji, fosthom l-EEA, l-EIT, l-ELA, l-ENISA u l-EUDA li kellhom żidiet fil-baġit ta' aktar minn 21 %;

28. Jinnota li ż-żieda fil-baġit tal-EEA għall-2024 tirrifletti l-espansjoni tal-mandati leġiżlattivi u r-responsabbiltajiet operazzjonali tagħha, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-politiki tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura (adottat lejn l-aħħar tal-2024), riformulazzjoni tar-Regolament Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (E-PRTR), iċ-Ċertifikazzjoni tal-UE dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u l-Kultivazzjoni Karbonika (CRCF), u inizjattiva għall-monitoraġġ estiż tal-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (HDVs) ġew appoġġjati mir-reklutaġġ tal-persunal; jinnota, barra minn hekk, li l-aġenzija implimentat ukoll kompiti skont ir-Regolament rivedut dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (2023); huwa konxju wkoll li l-Ftehimiet Ġodda dwar il-Livell ta' Servizz (FLS) mad-DĠ MARE, id-DĠ SANTE, u d-DĠ RTD espandew ir-rwol tal-Aġenzija fir-restawr tal-oċeani/tal-ilma, it-theddid għas-saħħa, u l-integrazzjoni tad-data ambjentali, billi pprovdew data u analiżi biex jinformaw il-politika ambjentali tal-Unjoni;

29. Josserva li ż-żieda fil-baġit tal-EIT hija spjegata minn diversi fatturi inklużi approprjazzjonijiet ogħla ta' Orizzont Ewropa (+10,25 %), EUR 24,6 miljun f'finanzjament ġdid għall-inizjattiva tal-Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni Għolja (HEI) u EUR 16,7-il miljun minn ftehimiet ta' kontribuzzjoni ġodda mad-DĠ tal-Kummissjoni;

30. Jieħu nota li ż-żieda fil-baġit tal-ELA fl-2024 hija primarjament spjegata mit-tranżizzjoni tal-aġenzija lejn kapaċità operazzjonali sħiħa, li tirrikjedi tisħiħ sinifikanti tar-riżorsi umani u tal-kapaċitajiet operazzjonali; jenfasizza li dan jinkludi aġġustamenti tal-persunal (EUR 9,5 miljun, 44 %), bħall-konverżjoni ta' 15-il SNE f'TAs u

aġġustamenti tas-salarji, segwiti minn espansjonijiet operazzjonali (EUR 7 miljun, 33 %) għat-titjib tal-portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol u l-attivitajiet ta' spezzjoni, u kostijiet relatati mal-inflazzjoni (EUR 1,2 miljun, 15 %) għall-ICT/iċ-ċibersigurtà u l-pressjonijiet inflazzjonarji;

31. Jinnota li ż-żieda fil-baġit tal-ENISA hija dovuta għall-ewwel pagament parzjali riċevut fi Frar 2024 ta' EUR 16-il miljun minn ftehim ta' kontribuzzjoni ffirmat lejn l-aħħar ta' Diċembru 2023 bejn id-DĠ CONNECT u l-ENISA, li jagħti total ta' EUR 20 miljun għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' appoġġ ċibernetiku u taċ-ċentru tas-sitwazzjoni matul l-2024–2026; huwa konxju li għall-2024, l-Aġenzija operat b'baġit ta' EUR 26,2 miljun, meta mqabbel mal-baġit tal-2023 ta' EUR 25,2 miljun;

32. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-ENISA tinsab f'pożizzjoni kritika minħabba l-kumplessità dejjem akbar tal-ħtiġijiet taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, l-eskalazzjoni kontinwa tat-theddid ċibernetiku u n-nuqqas ta' finanzjament proporzjonali u persunal adegwat; itenni l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ENISA ta' Diċembru 2024, li jenfasizzaw ir-rwol ċentrali tal-ENISA fl-ekosistema taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni u l-ħtieġa li l-finanzjament u r-riżorsi jiġu allinjati mal-mandat estiż tagħha; jisħaq, li riżorsi addizzjonali jridu jkunu akkumpanjati minn miri ta' prestazzjoni li jistgħu jitkejlu u rappurtar regolari dwar l-eżiti konkreti miksuba;

33. Jinnota li fir-rigward tal-EUDA, iż-żieda hija prinċipalment dovuta għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2023/1322, li jipprevedi reviżjoni mmirata tal-mandat tal-Aġenzija sabiex ikollha rwol aktar importanti fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-isfidi attwali u futuri relatati mad-drogi illeċiti fl-Unjoni; jinnota li dan se jinvolvi approfondiment tal-mandat attwali tal-Aġenzija, kompiti ġodda u żieda fir-riżorsi allokati għall-implimentazzjoni meħtieġa mill-2024;

34. Jinnota l-espansjoni progressiva tal-mandat tal-Europol, inklużi miżuri adottati u proposti reċentement li jagħtu kapaċitajiet imsaħħa għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, bħall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, iċ-ċiberkriminalità u t-terroriżmu; ifakkar li dawn l-iżviluppi jinkludu, fost l-oħrajn, kooperazzjoni msaħħa ma' atturi privati permezz ta' skambji diretti ta' data, kapaċitajiet imsaħħa ta' analiżi tad-data fuq skala kbira, u assistenza operazzjonali mtejba lill-Istati Membri permezz ta' timijiet ta' appoġġ speċjalizzati; jenfasizza li l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk il-kompiti addizzjonali tirrikjedi żieda korrispondenti fir-riżorsi umani tal-Europol, iżda wkoll salvagwardji interni robusti, kapaċità ta' konformità suffiċjenti u mekkaniżmi superviżorji msaħħa; josserva, li l-baġit tal-Europol żdied b'5,78 % fl-2024 meta mqabbel mal-2023; iħeġġeġ li l-baġit tal-Europol jissaħħaħ aktar sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas persistenti ta' persunal u biex jiġi żgurat li r-riżorsi finanzjarji tiegħu jkunu

proporzjonati mar-responsabbiltajiet li qed jespandu tiegħu; jisħaq fuq ir-rwol ewlieni tal-Europol fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità transfruntiera u t-terroriżmu; jissottolinja li l-Frontex għandha tiffoka fuq operazzjonijiet ewlenin; u jilqa' l-isforzi kontinwi tal-Frontex biex issaħħaħ l-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali tagħha;

35. Jappella għaż-żieda fil-livelli tal-persunal tal-Eurojust fid-dawl tal-mandat imsaħħaħ previst tiegħu biex jinkludi pajjiżi terzi, b'mod partikolari wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022, li tippermettilu jiġbor, jaħżen u janalizza evidenza ta' delitti internazzjonali ewlenin (delitti tal-gwerra, ġenoċidju, delitti kontra l-umanità), jikkondividi tali evidenza mal-awtoritajiet nazzjonali u ma' korpi internazzjonali inkluża l-Qorti Kriminali Internazzjonali, u joħloq Bażi tad-Data ta' Evidenza dwar Delitti Internazzjonali Ewlenin iddedikata għal dan l-għan, u b'hekk imur lil hinn milli sempliċiment jappoġġja l-investigazzjonijiet biex tiġi ssalvagwardjata b'mod attiv l-evidenza essenzjali għal investigazzjoni futura, filwaqt li jinnota li l-baġit tal-2024 irrifletta biss żieda perċentwali modesta meta mqabbel mal-baġit tal-2023, u jħeġġeġ li l-finanzjament tal-persunal jinġabar kif xieraq flimkien mal-baġit ġenerali fid-dawl tal-mandat futur mistenni;

36. Ifakkar li l-maġġoranza tal-aġenziji tal-UE jirċievu l-finanzjament tagħhom kompletament minn kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni; jinnota, madankollu, li xi aġenziji huma ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz ta' sorsi alternattivi ta' dħul, inklużi ċertifikati maħruġa, awtorizzazzjonijiet, reġistrazzjoni ta' sustanzi, kontribuzzjonijiet, ġbir tad-data, sorveljanza tas-suq, superviżjoni, u servizzi oħra bħat-traduzzjoni u t-terminoloġija kif ipprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT);

37. Jirrikonoxxi, b'mod speċifiku, li:

– l-aġenziji ffinanzjati parzjalment minnhom infushom jinkludu l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA);

– l-aġenziji ffinanzjati bis-sħiħ minnhom infushom jinkludu s-CdT;

– l-aġenziji parzjalment kofinanzjati mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jinkludu l-Awtorità Bankarja Ewropea (l-EBA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (l-EIOPA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-ESMA);

38. Jinnota li għall-2024, is-sors ta' finanzjament għall-aġenziji ffinanzjati minnhom infushom li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni kien imqassam kif ġej:

	Dħul għall-2024	**Kontribuzzjoni tal-UE**	**%**	**Dħul proprju** [8]	**%**	**Oħrajn**
ACER	€34.679.976	€23.012.293	66	€11.667.683	34	€0
CDT	€45.346.300	€0	0%	€44.411.200	98	€935.100
EASA	€183.306.903,00	€44.984.486	25	€135.687.417	74	€2.635.000
EBA [9]	€56.906.201	€20.857.871	37	€34.062.640	60	€1.985.690
ECHA	€128.712.666	€88.028.813	68	€34.117.052	27	€6.566.801
EIOPA	€37.561.192	€13.886.130	37	€23.035.010	61	€640.052
EMA[10]	€491.862.000	€35.826.000	7%	€441.910.000	90	€14.126.000
ERA	€41.936.376	€29.000.626	69	€11.913.156	28	€1.022.594
ESMA[11]	€76.055.579	€19.938.075	26	€54.015.802	71	€2.101.702
TOTALI	€1.096.367.193	€275.534.294		€790.819.960		€30.012.939

39. Ifakkar li r-riżoluzzjoni ta’ kwittanza tal-2023 diġà nnotat l-importanza li jissaħħu l-awtoritajiet superviżorji Ewropej (l-EBA, l-EIOPA u l-ESMA); huwa konxju li r-regolamenti tat-twaqqif tagħhom ma jimponux separazzjoni bejn l-attivitajiet iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali u li l-

---

8 Id-dħul proprju jirreferi għat-tariffi imposti miċ-ċertifikati, l-awtorizzazzjonijiet, ir-reġistrazzjoni tas-sustanzi, il-kontribuzzjonijiet, il-ġbir tad-data, is-sorveljanza tas-suq, is-superviżjoni u servizzi oħra.

9 Id-dħul proprju jirreferi għall-Kontribuzzjoni mill-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali.

10 Id-dħul proprju jirreferi għall-Kontribuzzjoni mill-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali.

11 Id-dħul proprju jinkludi Kontribuzzjoni mill-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali u Tariffi mħallsa lill-Awtorità.

mekkaniżmu ġenerali tal-kondiviżjoni tal-kostijiet ma jirrikjedix differenzjazzjoni fil-livell tal-attivitajiet individwali, għalhekk dawn l-awtoritajiet ma jagħmlux distinzjoni bejn il-kostijiet koperti mill-baġit tal-Unjoni u dawk iffinanzjati mill-Istati Membri kif enfasizzat mill-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha fl-2023;

40. Iqis li t-tisħiħ tat-trasparenza fl-ibbaġitjar u r-rapportar ibbażat fuq l-attività jikkontribwixxi għal sorveljanza u obbligu ta' rendikont imtejba, b'mod partikolari għall-aġenziji ffinanzjati minn diversi flussi ta' dħul li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-kontribwenti jivvalutaw aħjar l-effiċjenza u l-ekwità; jisħaq li ċ-ċarezza rigward ir-rabta bejn is-sorsi ta' dħul u l-attivitajiet issaħħaħ il-fiduċja fl-użu tajjeb tal-fondi tal-Unjoni, filwaqt li tirrispetta l-qafas legali stabbilit fir-regolamenti fundaturi tal-aġenziji;

41. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jintroduċi miżuri maħsuba biex isaħħu s-sostenibbiltà finanzjarja tal-Aġenzija, inkluża l-possibbiltà li tinħoloq riżerva limitata mfassla biex tassorbi l-volatilità fl-introjtu mit-tariffi u tnaqqas id-dipendenza minn emendi ripetuti tal-baġit; jisħaq, madankollu, li l-ħolqien ta' tali riżerva jirrikjedi salvagwardji robusti, peress li jinvolvi riskji inkluż irkupru strutturali żejjed tat-tariffi u l-possibbiltà li l-fondi akkumulati jintużaw għal skopijiet li jmorru lil hinn mill-istabbilizzazzjoni fuq terminu qasir; iqis li dan jagħmel it-trasparenza tal-kostijiet u tar-rabta bejn it-tariffi u l-attivitajiet essenzjali, inkluż permezz ta' rapportar ibbażat fuq l-attività li jiddistingwi l-kompiti ffinanzjati mit-tariffi u dawk iffinanzjati mill-Unjoni; jirrakkomanda li kwalunkwe bilanċ ta' riżerva ogħla mil-limitu massimu jiġi rritornat lill-baġit tal-Unjoni, jew permezz ta' ripagament jew billi titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tas-sena ta' wara, sabiex tiġi evitata l-akkumulazzjoni u jiġu rrispettati l-prinċipji baġitarji ewlenin;

42. Huwa mħasseb dwar l-eżitu ekonomiku negattiv tas-CdT ta' EUR 5,7 miljun u t-tnaqqis kontinwu fid-dħul operatorju, prinċipalment marbut mat-tnaqqis fil-paġni fatturati bi 11,4 % fl-2024 u bi 17,6 % fl-2023; jinnota li r-riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar, li nħolqot fl-2011 biex tikkumpensa għall-fluttwazzjonijiet fil-volum tan-negozju mill-klijenti u biex tgħin lis-CdT jiżgura li l-baġit u l-istabbiltà tal-prezzijiet jilħqu l-ogħla livell ta' EUR 15,6-il miljun fl-2014 u naqsu għal EUR 8,9 miljun fl-2024 (tnaqqis ta' 42,9 % mill-2014); huwa konxju li ladarba r-riżerva tiġi kompletament eżawrita, kwalunkwe defiċit ieħor ikollu jiġi kopert mis-sussidji baġitarji tal-Unjoni, kif previst mir-regolament tat-twaqqif tas-CdT; jieħu nota tat-tweġiba ta' segwitu tas-CdT għall-kwittanza tal-2023 u jistieden lill-Bord Amministrattiv ikompli jirrapporta dwar l-evoluzzjoni ta' dawk il-pjanijiet lill-awtorità ta' kwittanza, minħabba t-tnaqqis kontinwu fid-dħul; iħeġġeġ lis-CdT jidentifika servizzi ġodda li jista' jipprovdi u sorsi ġodda ta' dħul, minħabba l-prevalenza ta' teknoloġiji ġodda ta'

traduzzjoni bla ħlas li jistgħu jaffettwaw l-għadd ta’ talbiet għat-traduzzjoni;

43. Jinsisti li għalkemm ir-Regolament Finanzjarju ma jistabbilix limiti massimi għar-riporti, livelli rikorrenti u eċċessivi ta’ riporti jimminaw il-prinċipju baġitarju tal-annwalità u jistgħu jkunu indikattivi ta’ problemi strutturali fil-proċess tal-baġit u fiċ-ċiklu ta’ implimentazzjoni;

44. Jinnota li fl-2024, 11-il aġenzija (l-ACER, l-ECDC, l-EEA, l-EFCA, l-EIGE, l-ENISA, l-EU-OSHA, l-Eurofound, l-EUSPA, il-FRA u l-Frontex) kellhom livelli ta’ riporti li jaqbżu l-15 % fit-titoli tal-baġit meqjusa flimkien, b’xejriet rikorrenti; jinnota li fil-każ tal-Frontex u tal-ESA, ir-riporti laħqu aktar minn 40 % u 30 % rispettivament; jistieden lill-aġenziji jtejbu l-ippjanar pluriennali, l-iskedar tal-akkwist u t-tbassir tal-impenji biex jappoġġjaw implimentazzjoni aħjar tal-approprjazzjonijiet fis-sena finanzjarja li għaliha huma awtorizzati; jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-aġenziji b’riporti rikorrenti jissottomettu pjanijiet ta’ azzjoni korrettiva; ifakkar li l-Qorti, fir-rapport annwali tagħha dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024, enfasizzat li rati għoljin rikorrenti ta’ riporti jimminaw il-prinċipju baġitarju tal-annwalità;

45. Huwa tal-fehma li r-riporti jistgħu, f’xi każijiet, ikunu ġġustifikati min-natura pluriennali tal-operazzjonijiet jew ikkawżati minn fatturi lil hinn mill-kontroll tal-aġenziji kkonċernati; jinnota d-dikjarazzjoni tal-Qorti matul is-seduta ta’ smigħ li saret fl-1 ta’ Diċembru 2025 li, skont l-approċċ tal-awditjar il-ġdid tagħha, se tagħmel ħilitha biex tipprovdi ħarsa ġenerali aktar ċara tan-natura tar-riporti f’rapporti futuri, filwaqt li jirrikonoxxi l-kjarifika tal-Qorti li diżaggregazzjoni differenzjata skont l-aġenziji tal-kawżi tar-riporti mhijiex fattibbli minħabba restrizzjonijiet metodoloġiċi u f’termini ta’ riżorsi; jilqa’ r-rieda tal-Qorti li tenfasizza xejriet rikorrenti u fatturi sistemiċi li jikkontribwixxu għal riporti eċċessivi; jenfasizza madankollu li livelli persistentement għoljin u rikorrenti ta’ riporti jistgħu jindikaw sfidi strutturali sottostanti fl-ippjanar, l-implimentazzjoni jew l-allokazzjoni tar-riżorsi; jistieden lill-aġenziji jtejbu t-tbassir baġitarju u l-iskedar tal-proġetti tagħhom biex jimminimizzaw ir-riporti mhux ippjanati u jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw b’mod effiċjenti fis-sena finanzjarja;

46. Ifakkar li l-qafas regolatorju jagħti mandat lill-aġenziji jagħmlu pagamenti sa skadenzi speċifiċi; jinnota li kwalunkwe nuqqas li jiġu ssodisfati dawk l-iskadenzi jista’ jiġġenera kostijiet addizzjonali bħal imgħax ta’ inadempjenza; josserva li, għall-2024, il-Qorti tirrapporta li għal 11-il aġenzija (l-ACER, is-Cedefop, is-CEPOL, l-EEA, l-ELA, l-ENISA, l-ETF, l-EUDA, l-Eurojust, il-FRA u l-Frontex) aktar minn 5 % tal-pagamenti saru wara l-iskadenza applikabbli; huwa mħasseb dwar iż-żieda fil-pagamenti tardivi mill-2022, li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mal-2023 (disa’ aġenziji) u mal-2022 (ħames aġenziji);

Rakkomandazzjonijiet

47. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-aderenza mal-limiti ta' żmien legali għall-pagamenti u jinnota li frekwenza għolja ta' pagamenti tardivi jista' jkollha impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-aġenziji; jistieden lill-aġenziji kkonċernati jieħdu miżuri biex jevitaw dewmien fil-pagamenti futuri u l-interessi fuq pagamenti tardivi u jiżguraw is-saldu f'waqtu tal-obbligi; ifakkar li l-konformità mal-iskadenzi tal-pagamenti skont ir-Regolament Finanzjarju tikkostitwixxi obbligu legali u element ewlieni tal-ġestjoni finanzjarja; jistieden lill-aġenziji jimplimentaw miżuri korrettivi f'każ li d-dewmien fil-pagamenti jippersisti għal diversi snin biex jiżguraw ir-rispett sistematiku tal-iskadenzi statutorji;

48. Jistieden lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej (l-EBA, l-EIOPA u l-ESMA) isaħħu t-trasparenza fl-attivitajiet tagħhom iffinanzjati minn flussi ta' dħul differenti sabiex itejbu s-sorveljanza kontabilistika kif irrakkomandat mill-QEA fir-rigward tal-ġestjoni tad-dħul u l-istrutturi ta' finanzjament;

Riskji ewlenin identifikati mill-Qorti u ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar

49. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024 (ir-"rapport tal-Qorti"), li sab li l-awditu tal-Qorti kellu riżultati simili bħal fis-snin preċedenti, u d-dgħufijiet fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku ġew innotati bħala s-sors ewlieni ta' pagamenti irregolari; jistieden lill-aġenziji kkonċernati jsaħħu l-kontrolli *ex ante* tagħhom, itejbu d-dokumentazzjoni tal-kriterji tal-għoti u jiżguraw ġustifikazzjoni stretta għall-proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida u taħriġ immirati lill-aġenziji b'nuqqasijiet rikorrenti fl-akkwist; jistieden ukoll lill-aġenziji jiżguraw traċċabbiltà sħiħa, proċeduri kompetittivi, u żamma xierqa tar-rekords fl-operazzjonijiet kollha ta' akkwist u jistieden lis-servizzi tal-awditjar intern tal-aġenziji jagħtu prijorità lir-rieżamijiet tal-akkwist;

50. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li r-riskju globali għall-affidabbiltà tal-kontijiet tal-aġenziji għadu ġeneralment baxx, u r-riskju relatat mal-legalità u r-regolarità tad-dħul fil-kontijiet tal-aġenziji wkoll huwa baxx għall-biċċa l-kbira tal-aġenziji; jinnota, barra minn hekk, li dan ir-riskju huwa vvalutat bħala medju għal aġenziji parzjalment awtofinanzjati minħabba r-regolamenti speċifiċi li jirregolaw il-ġbir ta' tariffi u kontribuzzjonijiet oħra għad-dħul, sitwazzjoni li ġiet osservata wkoll fis-snin preċedenti;

51. Jirrimarka li l-Qorti tqis li r-riskju għal-legalità u għar-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-aġenziji b'mod ġenerali huwa medju, filwaqt li jvarja minn baxx sa għoli għal titoli

speċifiċi; jinnota li l-Qorti tqis li r-riskju għat-Titolu I (Nefqa tal-Persunal) huwa ġeneralment baxx, għat-Titolu II (Nefqa Amministrattiva) huwa medju, u għat-Titolu III (Nefqa Operattiva) huwa baxx sa għoli, skont l-aġenzija inkwistjoni u n-natura tan-nefqa operattiva tagħha; jirrimarka li l-Qorti tqis li r-riskju fir-rigward tat-Titolu III huwa simili għar-riskju tat-Titolu II, iżda peress li hemm ammonti ferm ogħla involuti fl-ambitu tat-Titolu III, l-impatt jitqies li huwa akbar;

52. Jinnota li, bħal fis-snin preċedenti, il-Qorti tqis li r-riskju għal ġestjoni finanzjarja tajba huwa medju u primarjament assoċjat mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku;

53. Jinnota li l-Qorti tqis li r-riskju għall-ġestjoni tal-baġit huwa baxx, u d-dgħufijiet fir-rappurtar tal-awditjar tal-Qorti huma relatati prinċipalment ma' riporti awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati u pagamenti tard; jenfasizza li d-dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll jikkonċernaw problemi bħan-nuqqas ta' verifiki *ex post/ex ante* adegwati, akkwisti operazzjonali mnedija mingħajr deċiżjonijiet ta' finanzjament xierqa, nefqa implimentata mingħajr id-delega xierqa tas-setgħa minn uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, dgħufijiet fil-ġestjoni ta' għotjiet u dewmien fl-evalwazzjoni ta' aġenzja minnaħa tal-Kummissjoni; jisħaq li dawn id-dgħufijiet elenkati mill-Qorti jimminaw il-ġestjoni finanzjarja tajba u jesponu lill-aġenziji għal riskji finanzjarji u riskji għar-reputazzjoni tagħhom; jistieden lill-aġenziji kkonċernati jiżguraw konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju u jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa, u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħhom;

54. Jinnota li fl-2024 il-Qorti għamlet total ta' 72 osservazzjoni, li jirreferu għal kwistjonijiet differenti fl-oqsma tal-akkwist (34 osservazzjoni), għas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll (11-il osservazzjoni) (minbarra kwistjonijiet ta' akkwist u ta' riżorsi umani), u għall-ġestjoni tal-baġit (27 osservazzjoni);

55. Jinnota li l-Qorti ħarġet opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-aġenziji kollha; jinnota li l-Qorti ħarġet opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għall-aġenziji kollha;

56. Josserva li nħarġet opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-aġenziji kollha bl-eċċezzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA);

57. Jinnota li, fir-rigward tal-ELA, il-kwalifika hija relatata ma' pagamenti li jammontaw għal EUR 2,6 miljun fl-2024, li jirrappreżentaw 5,7 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli; jinnota li dan l-ammont jinkludi EUR 2,2 miljun relatati ma' kuntratt meqjus irregolari fir-rapport tal-awditjar tal-2022 minħabba li l-valur mogħti jaqbeż il-limitu massimu stabbilit tal-kuntratt li jikser il-punt 12.3(a)

tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju u EUR 0,4 miljun assoċjati ma' nuqqasijiet fil-kontrolli *ex ante* dwar l-implimentazzjoni tal-kuntratti; jieħu nota tat-tweġiba tal-ELA matul is-seduta ta' smigħ li saret fl-1 ta' Diċembru 2025 li, minkejja l-għoti irregolari, il-pagamenti reali li saru fl-ambitu tal-kuntratt baqgħu fil-limitu massimu ta' EUR 6 miljun stabbilit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, u li l-kuntratt kien essenzjali biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet tal-Awtorità matul il-fażi inizjali tal-istabbiliment tagħha; jinnota wkoll li l-kuntratt irregolari ntemm fi Frar 2024 u ma ġġeddidx; jilqa' l-assigurazzjonijiet tal-Awtorità li ġew implimentati miżuri korrettivi, inklużi dokumentazzjoni riveduta tal-offerti, proċeduri ta' akkwist imsaħħa u listi ta' kontroll interni aġġornati biex jiġu evitati irregolaritajiet simili; iħeġġeġ lill-ELA ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ppjanar u prijoritizzazzjoni biex tiżgura l-użu effiċjenti tal-approprjazzjonijiet u l-implimentazzjoni f'waqtha tal-attivitajiet operazzjonali fil-futur;

58. Jenfasizza li l-Qorti ħarġet paragrafi ta' "osservazzjoni" biex tissottolinja kwistjoni ppreżentata jew iddivulgata fil-kontijiet li hija tant ta' importanza li hija fundamentali biex il-qarrejja jifhmu l-kontijiet, jew id-dħul jew il-pagamenti ta' bażi; jinnota wkoll li, għas-sena finanzjarja 2024, il-Qorti użat il-paragrafi ta' "osservazzjonijiet" għall-aġenziji li ġejjin li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni: is-CdT, is-CEPOL, l-EBA, l-EIT, l-EMA u l-ESMA;

59. Jinnota li l-"osservazzjonijiet" fir-rapporti annwali speċifiċi tal-aġenziji huma fil-fatt "rakkomandazzjonijiet mhux f'waqthom" mill-Qorti; jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ssegwi kull sena dawk l-osservazzjonijiet billi tivvaluta l-istatus tagħhom bħala "miftuħa" jew "magħluqa"; iqis, madankollu, li l-osservazzjonijiet miftuħa li ilhom jeżistu għandhom jitolbu miżuri korrettivi f'waqthom u konkreti, akkumpanjati minn sorveljanza msaħħa mill-bordijiet maniġerjali rispettivi sabiex jiġu evitati dgħufijiet rikorrenti;

60. Jinnota li minn total ta' 109 osservazzjoni magħmula mill-Qorti li jikkorrispondu għas-snin preċedenti tal-aġenziji li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni, matul l-2024 ingħalqu total ta' 66, b'total ta' 39 li għadhom miftuħa u tnejn parzjalment magħluqa; josserva li l-għadd ta' osservazzjonijiet li għadhom għaddejjin ivarja fost l-aġenziji, u xi wħud ma jkollhom l-ebda osservazzjoni miftuħa, kif inhu l-każ għall-Uffiċċju tal-BEREC, is-CdT, is-CEPOL, l-EASA, l-EBA, l-ECHA, l-EFSA, l-EMA, l-EMSA, l-ERA, l-ESA u l-ESMA, u l-ogħla għadd ta' osservazzjonijiet miftuħa jibqa' fl-ACER (erbgħa), l-ELA (ħamsa), l-eu-LISA (ħamsa) u l-Frontex (erbgħa), meta mqabbel mal-ACER (tlieta), l-ELA (ħamsa), l-eu-LISA (tmienja) u l-Frontex (sebgħa) fl-2023; jirrikonoxxi t-titjib u jħeġġeġ lill-aġenziji jkomplu jaħdmu biex isolvu l-kwistjonijiet miftuħa;

61. Jinnota li sebgħa mid-39 osservazzjoni miftuħa (53 fl-2023) jirreferu għal livell għoli ta' riporti (l-ACER, l-ECDC, l-EFCA, l-EIGE, l-

Eurofound, il-FRA u l-Frontex); jirrikonoxxi li l-ELA u l-eu-LISA naqqsu r-rata ta' riporti għal 15 %, li huwa l-limitu ta' rapportar għall-Qorti;

Aġenziji fil-qasam tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji[12]

62. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-ġestjoni tal-kuntratti tal-ESMA, b'mod partikolari sitt inċidenti fl-2024 fejn is-servizzi ġew ipprovduti qabel l-iffirmar tal-kuntratt, bi ksur tal-Artikolu 172(1) tar-Regolament Finanzjarju; jirrikonoxxi li EUR 30 556 f'pagamenti preċedenti kienu irregolari, għalkemm l-ESMA tenfasizza materjalità baxxa (0,04 % tal-pagamenti totali) u tinnota l-identifikazzjoni interna tal-każijiet; jinnota li l-pagamenti kollha (EUR 30 606) saru fl-ambitu tal-Kuntratti Qafas eżistenti, u b'hekk ġie mmitigat ir-riskju legali;

63. Jiġbed l-attenzjoni għall-impatt sinifikanti tal-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA), u r-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (MiCAR), fuq il-mandati u l-kompiti operazzjonali tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA); jinnota bi tħassib li d-dispożizzjonijiet inizjali ma indirizzawx b'mod adegwat il-finanzjament meħtieġ għall-istabbiliment ta' dawn ir-rwoli jew għall-fażijiet preparatorji u ta' implimentazzjoni tal-politiki relatati; jappoġġja bis-sħiħ il-fehma tal-Awtorità li d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi futuri jridu jantiċipaw u jipprovdu riżorsi adegwati għall-istabbiliment f'waqtu u effettiv ta' mandati kumplessi bħal dawn; iħeġġeġ l-għoti ta' finanzjament adegwat biex tiġi indirizzata din l-espansjoni ta' dan il-mandat;

64. Jinnota li l-proċedura ta' akkwist immexxija mill-ESMA, li fiha l-EBA pparteċipat bħala awtorità kontraenti, irriżultat fl-għoti ta' kuntratt qafas b'limitu massimu ta' EUR 40,2 miljun f'Diċembru 2022; jinnota li f'Jannar 2023 tressqet applikazzjoni legali dwar l-eżitu tal-proċedura, li titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-għoti u l-kumpens; jilqa' l-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tad-29 ta' Ottubru 2025 ċaħdet fl-intier tagħha t-talbiet tal-applikant għal annullament u għal kumpens għad-danni;

Rakkomandazzjonijiet

65. Jistieden lill-aġenziji biex b'mod partikolari:

– għall-ESMA, issaħħaħ il-kontrolli *ex ante*, ittejjeb l-għodod ta' monitoraġġ, u tipprovdi taħriġ għall-prevenzjoni ta' rikorrenzi futuri;

---

12 L-EBA, l-EIOPA u l-ESMA.

***Aġenziji fil-qasam tal-Gustizzja u l-Affarijiet Interni*[13]**

66. Jinnota li f'Ġunju 2024, is-CEPOL esperjenzat attakk ċibernetiku sinifikanti li kellu impatt fuq l-oqsma kollha tan-negozju, li wassal għall-kanċellazzjoni ta' 10 attivitajiet ta' taħriġ fuq il-post u għas-sospensjoni tat-taħriġ online kollu għall-bqija tas-sena; jinnota, barra minn hekk, li l-avveniment mhux biss fixkel l-attivitajiet operazzjonali tas-CEPOL iżda rriżulta wkoll fi nfiq addizzjonali mhux ippjanat relatat mar-rispons għall-inċident, l-irkupru tas-sistema, u miżuri msaħħa taċ-ċibersigurtà; jinnota li l-ksur tas-sigurtà kien ir-riżultat dirett ta' attakk ċibernetiku sofistikat li kellu fil-mira l-infrastruttura diġitali tas-CEPOL, u li l-atturi mhux awtorizzati kisbu aċċess għal volum sostanzjali ta' data personali, li jikkompromettu l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tagħha; jenfasizza li minħabba l-inċident ċibernetiku, madwar 99 000 individwu kellhom jiġu nnotifikati direttament dwar il-ksur tad-data personali tagħhom u li l-attakk wassal għal investigazzjoni kriminali appoġġjata mis-CERT-UE u l-Europol; jinsab imħasseb li minkejja xi evidenza ċirkostanzjali, l-attur ta' theddida ma ġiex identifikat b'mod konklużiv; jiġbed l-attenzjoni għall-parir tas-CERT-UE biex l-infrastruttura tinbena mill-ġdid, li wasslet biex DĠ DIGIT iniedi ambjent tal-IT kompletament ibbażat fuq il-cloud u b'fiduċja żero b'tagħmir ġdid fi żmien tliet ġimgħat; jinnota li s-CEPOL bħalissa qed timplimenta 42 kompitu u proġett taċ-ċibersigurtà bħala parti mill-Pjan ta' Ċibersigurtà tagħha; jenfasizza li s-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ dwar is-sigurtà tal-ICT ġew introdotti għall-persunal kollu, ikkomplementati minn notifiki u aġġornamenti regolari tal-intranet, bħala parti mill-prattika standard; jisħaq li l-fallimenti taċ-ċibersigurtà joħolqu mhux biss riskji operazzjonali iżda wkoll riskji għar-reputazzjoni, finanzjarji u legali għall-aġenziji; jappella għal standards minimi vinkolanti taċ-ċibersigurtà u finanzjament adegwat u stabbli biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħhom;

67. Jisħaq li meta l-aġenziji joperaw barra mit-territorju tal-Unjoni jew jikkooperaw ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, huma jibqgħu marbuta bis-sħiħ bid-dritt tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehimiet ta' kooperazzjoni, l-arranġamenti operattivi u l-oqfsa ta' kondiviżjoni tad-data jinkludu salvagwardji infurzabbli, mekkaniżmi ta' monitoraġġ u obbligi ċari ta' rapportar lill-awtorità ta' kwittanza;

68. Ifakkar li r-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841[14] jistabbilixxi qafas taċ-ċibersigurtà vinkolanti u ambizzjuż għall-aġenziji deċentralizzati

---

13 Is-CEPOL, l-EIGE, l-EUAA,l- eu-LISA, l-Eurojust, l-EUROPOL, il-FRA u l-Frontex.

14 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni (ĠU L, 2023/2841, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2841/oj.).

kollha li jkopri l-mekkaniżmi finanzjarji, il-pjattaformi operazzjonali u d-data sensittiva, kif ukoll l-implimentazzjoni ta’ miżuri tekniċi u organizzattivi robusti fl-ambjenti kollha tal-ICT, it-tranżizzjoni progressiva lejn arkitettura ta’ fiduċja żero, il-kooperazzjoni msaħħa mas-CERT-UE, mad-DĠ DIGIT u ma’ korpi interistituzzjonali rilevanti oħra kif ukoll obbligi stretti ta’ rapportar tal-inċidenti; jinnota li diversi minn dawn ir-rekwiżiti ewlenin għadhom ta’ sfida minħabba l-livelli mhux uniformi attwali ta’ preparatezza fost l-aġenziji; jisħaq li l-inċident taċ-ċibersigurtà li affettwa lis-CEPOL juri t-theddid ċibernetiku ta’ kuljum li għalih huma esposti l-aġenziji u l-vulnerabbiltà tagħhom meta jittrattaw data sensittiva; jappella għal implimentazzjoni aċċellerata fl-aġenziji kollha tad-dispożizzjonijiet dwar iċ-Ċibersigurtà tar-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841, u stress test regolari tal-IT tal-aġenziji; iħeġġeġ lill-aġenziji jtejbu l-monitoraġġ tat-theddid f’ħin reali, il-kapaċitajiet ta’ rispons, u t-taħriġ tal-persunal dwar iċ-ċibersigurtà;

69. Jinnota s-sottorappreżentanza tal-irġiel fil-persunal tal-EIGE b’ 29 % u 21 % biss (8 raġel) fil-bord maniġerjali, iħeġġeġ lill-EIGE jikseb rappreżentanza tal-ġeneri aktar ibbilanċjata fir-reklutaġġ futur tal-persunal;

70. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar is-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll tal-EIGE, inklużi:

– irregolaritajiet fl-akkwist: jirrimarka li fl-2024, l-EIGE applika rekwiżiti ta’ kapaċità finanzjarja eċċessiva u kriterji tal-għażla restrittivi fi proċedura tal-offerti għas-servizzi tat-tindif li, skont il-Qorti, setgħu skoraġġew jew saħansitra pprevenew lil offerenti potenzjali milli jipparteċipaw; jirrikonoxxi li l-EIGE jenfasizza li l-kriterji restrittivi ntalbu mill-awtoritajiet kokontraenti (il-Kummissjoni u l-Parlament) u l-ebda offerent potenzjali ma lmenta dwar il-kriterji tal-għażla;

– evalwazzjoni inadegwata tal-offerti: jinnota li f’żewġ proċeduri ta’ akkwist (EUR 220 000 u EUR 193 175), il-kumitati ta’ evalwazzjoni tal-EIGE naqsu milli jivvalutaw kif xieraq il-kapaċità tal-offerenti li jimmaniġġjaw timijiet ta’ esperti minħabba li, fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, l-EIGE ma kienx talab lill-offerenti jipprovdu evidenza xierqa f’dan ir-rigward, u b’hekk irriskja servizz fqir;

– sorveljanza dgħajfa tal-kuntratti: jirrikonoxxi li l-EIGE ħallas fatturi implimentati taħt tliet kuntratti ta’ “żmien u mezzi” mingħajr ma vverifika kemm verament inħadmu ġranet, u b’hekk kiser l-Artikolu 45(5) tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u ġie epsost għal riskji ta’ pagament eċċessiv; jinnota li l-EIGE se jsaħħaħ il-kontrolli *ex ante* kif xieraq;

71. Jinnota s-sejbiet tal-Qorti dwar l-eu-LISA, li l-biċċa l-kbira tagħhom

huma relatati ma’ irregolaritajiet fl-akkwisti mibdija fis-snin preċedenti, li rriżultaw f’pagamenti irregolari fl-2024 li jinkludu:

– irregolaritajiet fi proċedura nnegozjata mibdija fl-2019 u li tlestiet fl-2020 għall-kiri ta’ bini fi Strażburgu, fejn l-erja tas-superfiċje tal-bini u l-għadd ta’ postijiet tax-xogħol kienu taħt il-ħtiġijiet definiti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, u l-kwalità tal-offerta ġiet ivvalutata bħala baxxa ħafna iżda ma ġietx miċħuda; jinnota, barra minn hekk, li l-kriterji tal-għoti sussegwentement ġew innegozjati mal-offerent ukoll, bi ksur tal-Artikolu 167(3) u l-punt 6.5 tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju; jenfasizza li l-proċedura nnegozjata u l-kuntratt ta’ kiri li rriżulta huma irregolari, kif inhuma wkoll il-pagamenti assoċjati li ammontaw għal EUR 850 000 fl-2024;

– modifiki għall-offerti finanzjarji tal-offerenti matul proċedura ta’ akkwist għal xogħlijiet elettriċi u ċivili fi Strażburgu, li affettwaw l-eżitu tal-proċedura u rriżultaw f’kuntratt irregolari u pagamenti relatati li ammontaw għal EUR 150 000 fl-2024;

– bidliet fl-elementi tal-ipprezzar tal-offerti finanzjarji lil hinn mill-korrezzjonijiet permessi skont l-Artikolu 151 tar-Regolament Finanzjarju, li affettwaw b’mod deċiżiv l-eżitu ta’ offerta u rriżultaw f’kuntratti irregolari u pagamenti relatati li ammontaw għal EUR 1,4 miljun fl-2024;

– il-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni għas-servizzi ta’ monitoraġġ u manutenzjoni fir-rigward tas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża; huwa mħasseb dwar il-fatt li l-offerent rebbieħ (EUR 47,8 miljun) kien ħames darbiet orħos mit-tieni l-irħas (EUR 243,4 miljun) u 50 darbiet orħos mill-ogħla wieħed (EUR 2,4 biljun), li jqajjem tħassib dwar il-validità tiegħu; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eu-LISA stabbiliet grupp ta’ ħidma biex jirrieżamina dan il-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni li kkonferma l-valutazzjoni mill-uffiċjali finanzjarji iżda rrapporta riskji operazzjonali u kuntrattwali marbuta mal-fatt li l-aġenzija jkollha tħallas il-parti l-kbira tal-prezz tal-kuntratt bil-quddiem; jenfasizza li l-Qorti qieset dan ir-riskju bħala sinifikanti;

– ifakkar li, wara dewmien fl-implimentazzjoni tas-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ (EES), qamet tilwima li fiha l-kuntrattur irrifjuta li jkopri kostijiet addizzjonali ta’ manutenzjoni għal ċerti prodotti tal-IT, li wasslet għal lakuna fil-kopertura tal-manutenzjoni bejn Novembru 2022 u April 2023 u esponiet lill-eu-LISA għal riskji operazzjonali; ifakkar li, biex tindirizza r-riskju immedjat għall-kontinwità tal-operat, l-eu-LISA emendat il-kuntratt qafas tal-operazzjonijiet trasversali (TOF) fl-2023 biex tinkludi tariffi ta’ rikostituzzjoni, penali applikati meta l-manutenzjoni ma tiġġeddidx fil-ħin, u sussegwentement ħallset EUR 5,3 miljun fl-2023 u EUR 1,3 miljun fl-2024 għat-tiġdid tal-manutenzjoni tas-

software u l-kostijiet ta’ rikostituzzjoni relatati li, skont l-interpretazzjoni tal-Aġenzija, kellhom jiġġarrbu mill-kuntrattur tal-EES; ifakkar ukoll li, minkejja d-daqs tal-ammonti kkontestati u l-istatus miftuħ kontinwu tal-osservazzjoni tal-Qorti, l-eu-LISA ma kinitx bdiet litigazzjoni kontra l-kuntrattur tal-EES sa tmiem l-2024;

72. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-irregolaritajiet persistenti identifikati fil-proċessi ta’ akkwist tal-eu-LISA juru dgħufijiet sistemiċi fil-qafas tal-akkwist tal-aġenzija; jieħu nota tar-rikonoxximent mill-eu-LISA ta’ dawn il-kwistjonijiet u l-isforzi biex issaħħaħ il-prattiki tagħha, iħeġġeġ lill-eu-LISA tifformula strateġija biex ittejjeb il-qafas tal-akkwist tagħhom li għandha tiġi kondiviża fis-seduti ta’ kwittanza s-sena d-dieħla, iħeġġeġ lill-eu-LISA tipprovdi ċarezza u trasparenza dwar il-kundizzjonijiet li taħthom is-sejħa mill-ġdid għall-offerti tista’ ma titqiesx xierqa; iħeġġeġ lill-eu-LISA tfittex parir espert meta tifformula din l-istrateġija l-ġdida u tikkonsulta ma’ aġenziji oħra dwar l-aħjar prattiki;

73. Jirrikonoxxi li l-eu-LISA qed tiffaċċja sfidi sostanzjali u jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-ammont ta’ persunal tagħha biex jiġu indirizzati b’mod effettiv dawn l-isfidi u tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet tagħha u li dan għandu jiġi ffinanzjat kif xieraq;

74. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti dwar l-akkwist li, fl-2020, l-Eurojust daħlet f’kuntratt qafas għall-kiri ta’ vetturi ma’ operatur ekonomiku wieħed, li ma kienx xieraq għan-natura tas-servizzi meħtieġa, u jirrikonoxxi li l-kuntratt speċifiku mogħti, kif ukoll il-pagamenti relatati kollha (EUR 64 000 fl-2024), għalhekk kienu irregolari; jieħu nota tat-tweġiba tal-Eurojust li l-kuntratt qafas imsemmi fir-rapport tal-QEA tal-2020 skada fl-10 ta’ Mejju 2024, u kuntratt qafas ġdid għall-kiri tal-vetturi ilu fis-seħħ mill-25 ta’ Novembru 2024;

75. Huwa mħasseb dwar l-osservazzjonijiet tal-Qorti li l-Eurojust ilha ma taġġorna l-pjanijiet ta’ kontinwità tal-operat tagħha mill-2021, minkejja bidliet sinifikanti li jaffettwaw ir-riżorsi u l-persunal għal proċessi ewlenin, inkluża l-introduzzjoni tas-SUMMA bħala sistema baġitarja, kontabilistika u finanzjarja ġdida; Barra minn hekk, l-Eurojust ma segwietx il-frekwenza tal-ittestjar li ġiet stabbilita fl-aħħar pjan għall-kontinwità tal-operat tagħha u bħalissa ma għandhiex pjan ta’ rkupru minn diżastri kkoordinat u miftiehem għas-sistemi tal-IT tagħha;

76. Jinnota li l-mandat tal-Eurojust huwa mistenni li jiġi estiż fil-futur, inkluż għal stat terz u li l-aġenzija qed tittratta għadd dejjem akbar ta’ każijiet kriminali kull sena; jirrikonoxxi li, fid-dawl ta’ dawn l-iżviluppi, l-Eurojust jeħtieġ li żżid il-livelli tal-persunal tagħha sabiex tiżgura kopertura komprensiva tal-każijiet u l-kontinwità mingħajr interruzzjoni tal-operat tagħha u li għandu jkun disponibbli l-finanzjament korrispondenti;

77. Jinnota, barra minn hekk, l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Eurojust ma adottatx deċiżjoni ta' finanzjament xierqa qabel it-tnedija ta' proċeduri ta' akkwist għan-nefqa operattiva, li mminat l-ippjanar u s-sorveljanza effettivi u kienet bi ksur tal-Artikoli 32(1) u 72(3)(b) tar-regoli finanzjarji tal-Eurojust; jilqa' l-impenn tal-Eurojust li tippubblika pjan ta' akkwist annwali approvat tal-proċeduri kollha fuq is-sit web tagħha, li jkopri kemm in-nefqa operazzjonali kif ukoll dik amministrattiva, mill-2026;

78. Jinnota li, f'Ottubru 2025, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea[15] ("il-Qorti Ġenerali") annullat żewġ deċiżjonijiet mill-Eurojust li rrifjutaw talba minn membru tal-persunal temporanju għal assistenza minħabba allegat fastidju psikoloġiku minn għaxar kollegi inkluż id-Direttur Amministrattiv tiegħu; huwa konxju li l-Qorti ddeċidiet li l-Eurojust kisret l-obbligu ta' diliġenza tagħha skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal billi qasmet l-inkjesta ta' dan il-membru tal-persunal f'żewġ proċessi amministrattivi separati, u b'hekk naqset milli twettaq investigazzjoni olistika u kuntestwali ta' allegazzjonijiet interkonnessi ta' fastidju; jinnota li filwaqt li l-Qorti annullat id-deċiżjonijiet li jippermettu rivalutazzjoni xierqa, hija ċaħdet it-talbiet għal kumpens;

79. Jenfasizza li għandhom jiġu żviluppati mekkaniżmi interni fi ħdan l-aġenziji biex jiġu żgurati kemm it-trattament intern xieraq tal-ilmenti kif ukoll il-prevenzjoni tal-inċidenti, inklużi każijiet ta' fastidju psikoloġiku u sesswali, b'mod partikolari meta jkunu involuti diversi partijiet;

80. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Europol irrimborżat b'mod irregolari t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) taħt għotjiet operazzjonali mħallsa lill-korpi tal-pulizija nazzjonali li jaġixxu bħala awtoritajiet pubbliċi, bi ksur tal-Artikolu 186(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju, li ma jippermettix rimborż tal-VAT lill-entitajiet pubbliċi li jaġixxu f'dik il-kapaċità; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Europol li dak iż-żmien segwiet il-gwida tal-Kummissjoni, li kienet tippermetti li l-VAT titqies eliġibbli taħt l-għotjiet operazzjonali, u jilqa' d-deċiżjoni li l-VAT tiġi eskluża mill-ftehimiet ta' għotjiet il-ġodda kollha mibdija sa tmiem l-2024;

81. Jilqa' l-fatt li l-mekkaniżmi tat-Task Forces Operazzjonali (OTFs) u tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK) tal-Europol kienu strumentali biex tkissret il-pjattaforma ta' komunikazzjoni kriptata Matrix, li turi r-rwoli komplementari iżda distinti tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali; jinnota li l-operazzjoni bdiet bħala OTF f'Ġunju 2024 bejn in-Netherlands, Franza, il-Litwanja, l-Italja u Spanja, li ffaċilitat il-kondiviżjoni tal-

---

15 SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla) 15 ta' Ottubru 2025 fil-Kawżi T 295/23 u T 1176/23 (https://infocuria.curia.europa.eu/tabs/document?source=document&mode=lst&pageIndex=0&docid=305193&part=1&doclang=FR&text=&dir=&occ=first&cid=957097).

intelligence u l-monitoraġġ tal-attività kriminali; jenfasizza li t-tranżizzjoni għal SIK taħt il-Eurojust ippermettiet koordinazzjoni investigattiva formali, li rriżultat f'arresti, sekwestri, u d-dekriptaġġ ta' 2,3 miljun messaġġ bi 33 lingwa; josserva li l-awtoritajiet Ġermaniżi pprovdew appoġġ tekniku, filwaqt li l-pulizija Spanjola, Franċiża u Netherlandiża kkollaboraw matul l-investigazzjoni; huwa tal-fehma li dan il-każ jissottolinja l-effettività tal-kooperazzjoni transfruntiera fit-tfixkil tan-networks illeċiti u l-ħtieġa ta' investiment sostnut fil-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiġu indirizzati t-tattiċi kriminali li qed jevolvu;

82. Jinnota li f'Mejju 2025 il-kwittanza tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) ġiet posposta minħabba sejbiet mill-OLAF rigward il-governanza u l-istabbiltà; jinnota li investigazzjoni kunfidenzjali mill-OLAF sabet li l-maniġment superjuri fl-aġenzija tal-EUAA evita r-regolamenti tal-persunal u li l-investigaturi tal-OLAF innotaw li tali prattiki ta' reklutaġġ jiksru r-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni;

83. Jieħu nota tar-rapport dwar l-istatus tal-EUAA tal-31 ta' Ottubru 2025 dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi, kif miftiehem bejn id-Direttur Eżekuttiv u l-Bord tat-Tmexxija, bħala segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament; jinnota li l-Bord ta' Tmexxija qed jindirizza l-osservazzjonijiet tal-Parlament f'konformità mal-proċeduri tiegħu u se jirrieżamina l-progress dwar il-miżuri pendenti fil-laqgħa tiegħu f'Novembru 2025; iħeġġeġ lill-Aġenzija tiċċara bis-sħiħ il-kwistjonijiet miftuħa kollha, timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF b'mod kredibbli u trasparenti u tistabbilixxi mekkaniżmi robusti ta' kontroll intern, sorveljanza etika u obbligu ta' rendikont; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe miżura ta' rimedju meħuda mingħajr dewmien bla bżonn; jenfasizza li l-konklużjoni tal-investigazzjonijiet tal-OLAF fiha nnifisha ma tikkostitwixxix l-għeluq ta' nuqqasijiet ta' governanza; itenni li l-awtorità ta' kwittanza żżomm id-drittijiet sħaħ ta' sorveljanza sakemm id-dgħufijiet strutturali fil-ġestjoni, it-trasparenza u t-trattament tal-kunflitt ta' interess jiġu rimedjati u vverifikati bis-sħiħ;

84. Jinnota li filwaqt li sar titjib fl-2024 biex jissaħħu l-qafas etiku tal-Aġenzija, is-sensibilizzazzjoni tal-persunal, u l-proċeduri interni ta' kunflitt ta' interess, il-kunflitt ta' interess strutturali identifikat mill-OLAF rigward l-ilmenti kontra d-Direttur Eżekuttiv kien għadu ma ġiex indirizzat, peress li l-Unità Legali responsabbli għat-tħejjija ta' każijiet bħal dawn kienet għadha topera taħt is-superviżjoni diretta tad-Direttur Eżekuttiv, u dan jimmina l-indipendenza tal-proċess tal-ilmenti; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet korrettivi huma skedati għall-2025 u l-2026, inklużi bidliet organizzattivi, programm ta' ottimizzazzjoni, taħriġ għall-persunal u l-maniġers, titjib fid-dokumenti ta' governanza, trasparenza msaħħa fir-rapportar tal-irregolaritajiet, rieżami tal-gwida interna dwar it-talbiet u l-ilmenti skont l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal, kooperazzjoni msaħħa mad-DĠ HR għat-trattament tal-ilmenti u rieżami tal-

proċeduri għat-talbiet għal assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal;

85. Jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' viġilanza kontinwa rigward ir-rati tad-dawran u s-sodisfazzjon tal-persunal tal-EUAA, il-prevenzjoni stretta ta' kwalunkwe nepotiżmu jew favoritiżmu, u trasparenza sħiħa u proċeduri bbażati fuq il-mertu fir-reklutaġġ u l-progressjoni tal-karriera;

86. Jirriżerva d-dritt li jikkundizzjona jew jipposponi deċiżjonijiet futuri ta' kwittanza meta l-aġenziji jonqsu milli jwettqu riformi strutturali sħaħ u verifikabbli wara sejbiet serji;

Rakkomandazzjonijiet

87. Jistieden lill-aġenziji tal-UE jieħdu azzjoni fuq l-osservazzjonijiet tal-Qorti, b'mod partikolari li:

(i) l-EIGE jtejjeb il-prattiki tal-akkwist billi jirrieżamina kriterji tal-offerti restrittivi żżejjed, isaħħaħ il-proċessi ta' evalwazzjoni biex jivvaluta l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tat-tim tal-offerenti, u jimplimenta verifika stretta tal-kuntratti ta' "żmien u mezzi" biex jiġu evitati pagamenti żejda;

(ii) l-eu-LISA tindirizza dgħufijiet sistemiċi fl-akkwist inklużi kuntratti ta' kiri irregolari u modifiki mhux xierqa fl-offerti finanzjarji, filwaqt li ttejjeb it-trasparenza u l-mitigazzjoni tar-riskju fl-evalwazzjonijiet tal-offerti; jistieden lill-eu-LISA tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar it-tilwima li tirriżulta mid-dewmien fl-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), b'mod partikolari dwar il-valutazzjoni interna li wasslet biex l-Aġenzija tefa' kostijiet ta' rikostituzzjoni u ta' tiġdid tal-manutenzjoni li jmmontaw għal EUR 6,6 miljun fl-2023-2024 skont il-kuntratt qafas tal-operazzjonijiet trasversali, minkejja li qieset li dawn il-kostijiet kienu kuntrattwalment attribwibbli għall-kuntrattur tal-EES; jitlob kjarifika dwar ir-raġunijiet għaliex ma nbdewx proċedimenti legali sa tmiem l-2024 u dwar jekk ġewx esplorati azzjonijiet alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim jew ta' rkupru; jirrakkomanda li l-eu-LISA ssaħħaħ il-mekkaniżmi tagħha ta' infurzar tal-kuntratti u ta' soluzzjoni tat-tilwim, tistabbilixxi proċeduri ċari ta' eskalazzjoni, u tiżgura li tilwim simili jiġi indirizzat fil-pront u b'mod trasparenti sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji u l-kontinwità operattiva tal-Aġenzija; iħeġġeġ lill-eu-LISA tagħti opinjoni dwar il-kundizzjonijiet li taħthom is-sejħa mill-ġdid għall-offerti tista' titqies li mhijiex xierqa u f'liema sitwazzjonijiet huwa sens komun li jinżamm(u) l-istess fornitur(i) sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat;

(iii) l-Eurojust taġġorna b'mod urġenti l-pjanijiet ta' kontinwità tal-operat fi żmien sitt xhur sabiex dawn jirriflettu l-operazzjonijiet

attwali inkluża l-implimentazzjoni tas-SUMMA, twettaq ittestjar regolari tal-irkupru minn diżastri, u tistabbilixxi deċiżjonijiet ta' finanzjament xierqa qabel il-proċeduri ta' akkwist; jitlob lill-Eurojust tippreżenta l-pjanijiet il-ġodda tagħha għall-kontinwità tal-operat fir-rapport ta' segwitu għall-kwittanza;

88. Barra minn hekk, jistieden lill-aġenziji tal-UE li ġejjin:

(i) is-CEPOL u l-aġenziji kollha tal-UE biex isaħħu b'mod urġenti l-governanza interna taċ-ċibersigurtà tagħhom, jallokaw riżorsi adegwati u stabbli, itejbu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni u rispons, u jieħdu passi konkreti lejn arkitettura ta' fiduċja żero biex inaqqsu l-vulnerabbiltajiet u jiżguraw ir-reżiljenza kontra t-theddid ċibernetiku li qed isir dejjem aktar sofistikat;

(ii) L-Europol biex tibqa' viġilanti fl-iżgurar tal-konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà f'ċikli ta' finanzjament futuri, wara l-azzjoni korrettiva rapida tagħha dwar ir-rimborżi tal-VAT; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ gwida ċara dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 186(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju, peress li tqajmu wkoll mistoqsijiet dwar l-eliġibbiltà tal-VAT f'każijiet oħra fis-snin preċedenti, li jirriflettu xi ambigwitajiet;

(iii) l-EUAA tiżgura monitoraġġ rigoruż tal-istadji importanti, b'mod partikolari dawk skedati għall-2026 li jikkostitwixxu l-qofol tal-isforzi ta' riforma, u tirrapporta lill-Awtorità ta' Kwittanza dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi;

(iv) l-aġenziji tal-UE u b'mod partikolari l-Eurojust biex jistabbilixxu linji gwida ċari għat-trattament ta' każijiet kumplessi ta' fastidju u jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal;

(v) l-EUAA biex timplimenta mekkaniżmu ta' lmenti effettiv għat-trattament tal-ilmenti li jiżgura imparzjalità sħiħa u jreġġa' lura l-fiduċja fil-governanza tagħha;

(vi) Il-Frontex issaħħaħ l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-baġit biex tiżgura l-konformità mal-prinċipju tal-annwalità; jisħaq li l-iskala u l-kumplessità tal-mandat tal-aġenzija jirrikjedu mekkaniżmi interni robusti u jistieden lill-aġenzija ssaħħaħ is-sorveljanza tal-proċeduri ta' akkwist u ta' ġestjoni tal-kuntratti; iħeġġeġ lill-Frontex issaħħaħ il-proċeduri ta' segwitu dwar is-sejbiet tal-awditjar u tirrapporta l-progress li jista' jitkejjel lill-awtorità ta' kwittanza;

(vii) L-Eurojust tikkondividi l-ħtiġijiet baġitarji futuri mal-Kummissjoni rigward l-espansjoni futura tal-mandat u tħeġġeġ li jiġu pprovduti finanzjament u persunal adegwati biex tiġi indirizzata din l-espansjoni tal-mandat;

Aġenziji fil-qasam tal-Impjieg, l-Edukazzjoni u l-Affarijiet Soċjali[16]

89. Jenfasizza l-klassifikazzjoni żbaljata tal-ELA ta' baġit emendatorju bħala dħul assenjat estern, bi ksur tal-Artikoli 6, 12, 20, 21 u 34 tar-Regoli Finanzjarji; jinnota t-tweġiba tal-ELA li tispjega li l-fondi waslu tard u li għal din ir-raġuni l-ELA temporanjament allokat mill-ġdid il-baġit proprju tagħha biex tevita dewmien fil-pagamenti, imbagħad irreġistrat il-fondi tal-Unjoni bħala dħul estern biex tiżgura li dawn jintużaw biss għas-salarji;

90. Jinnota l-konklużjonijiet tal-Evalwazzjoni[17] tal-ELA, li jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Awtorità ttejjeb is-sistema ta' monitoraġġ tagħha abbażi ta' objettivi SMART u ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni; jinnota bi tħassib li dan in-nuqqas fixkel il-valutazzjoni tal-kosteffettività tal-attivitajiet tal-ELA u mmina l-kwalità tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni; jirrikonoxxi li l-ELA għandha l-potenzjal li ssaħħaħ is-sistema ta' monitoraġġ tagħha permezz tal-implimentazzjoni ta' approċċi strutturati;

91. Jinnota bi tħassib li l-ELA għadha tiddependi żżejjed fuq ħaddiema temporanji, SNEs u persunal interim, għal funzjonijiet operazzjonali u finanzjarji ewlenin; josserva li fi tmiem l-2022, il-ħaddiema temporanji kienu jirrappreżentaw 58 % tal-forza tax-xogħol tal-ELA, u minkejja tnaqqis żgħir, il-proporzjon baqa' għoli ħafna b'47 % fi tmiem kemm l-2023 kif ukoll l-2024; jinnota wkoll li, bi ksur tal-Artikolu 41(1) tar-Regoli Finanzjarji tal-ELA, l-Awtorità ddependiet fuq ħaddiem interim u trainee biex iwettqu attivitajiet finanzjarji ewlenin relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit bejn Novembru 2022 u Marzu 2023, prattika li kompliet fl-2023 u ppersistiet fl-2024 bl-użu kontinwu ta' ħaddiem interim għal kompiti finanzjarji essenzjali;

92. Jinnota l-ispjegazzjoni pprovduta matul is-seduta ta' smigħ li saret fl-1 ta' Diċembru 2025 mid-Direttur Eżekuttiv tal-ELA rigward is-sehem strutturalment għoli ta' ħaddiema temporanji, b'mod partikolari SNEs, li bħalissa jammontaw għal madwar 42-50 % tal-persunal operazzjonali tal-ELA u huma legalment impediti milli jwettqu funzjonijiet ewlenin, u b'hekk tinħoloq konċentrazzjoni tar-responsabbiltajiet u riskju ogħla ta' żbalji; jappoġġja l-aġġustament tat-tabella tal-persunal biex riżorsi marbuta ma' esperti nazzjonali sekondati jiġu sostitwiti b'postijiet addizzjonali għal Aġenti Temporanji, li għandhom jimtlew permezz ta' proċeduri miftuħa u kompetittivi fi ħdan il-limitu massimu baġitarju eżistenti; huwa tal-fehma li l-Awtorità tax-Xogħol għandha sservi bħala mudell fl-istandards tax-xogħol u tfittex li toffri kuntratti itwal li jkunu fl-interess tal-persunal, tal-kontinwità tal-operat u ż-żamma tal-għarfien; jistieden lill-Awtorità tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-

---

16 Is-Cedefop, l-ELA, l-ETF, l-Eurofound u l-EU-OSHA.

17 Evalwazzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) Brussell, 26.5.2025 COM(2025)256 final u SWD(2025) 128 final.

awtoritajiet nazzjonali tax-xogħol sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jittejjeb l-iskambju ta’ informazzjoni;

93. Jiġbed l-attenzjoni għall-konklużjonijiet tal-Evalwazzjoni tal-aġenziji tal-UE: is-Cedefop, l-EU-OSHA, l-Eurofound, u l-ETF; jinnota li l-evalwazzjoni ma sabitx evidenza biex jinbidlu l-konklużjonijiet mill-evalwazzjoni preċedenti tal-2019 li kkonkludiet li l-għażliet ta’ fużjoni jippreżentaw sfidi fl-ibbilanċjar tal-benefiċċji u tal-iżvantaġġi filwaqt li t-titjib fl-effiċjenza jista’ jinkiseb permezz ta’ kooperazzjoni aħjar; jenfasizza l-ħtieġa ta’ kollaborazzjoni aktar b’saħħitha mal-Kummissjoni dwar l-outputs konġunti ta’ valur għoli, bħall-kooperazzjoni bejn il-Eurofound u s-Cedefop fuq l-istħarriġ tal-kumpaniji Ewropej u l-allinjament bejn is-Cedefop u l-ETF fuq il-monitoraġġ tal-politika tal-VET; josserva li hija meħtieġa koordinazzjoni aħjar bejn is-Cedefop, l-ELA, u l-Eurofound biex tiġi evitata d-duplikazzjoni fit-tbassir tal-ħiliet u fl-analiżi tas-suq tax-xogħol;

94. Josserva li s-sistemi ta’ monitoraġġ fl-aġenziji kollha, inklużi l-objettivi SMART u l-KPIs, għandhom jissaħħu biex jittejbu l-valutazzjoni tal-prestazzjoni u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati; jenfasizza li l-lakuni fid-data (b’mod partikolari fl-ETF), il-miri ta’ prestazzjoni neqsin, u n-nuqqas ta’ indikaturi fil-livell nazzjonali jimminaw l-effettività; josserva li dawn l-isfidi jirrikjedu kompletezza aħjar tad-data, iffissar legalment ċar tal-miri, u oqfsa ta’ monitoraġġ imtejba biex jiġu żgurati valutazzjonijiet komprensivi tal-prestazzjoni u allinjament mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati; jisħaq fuq l-importanza ta’ strutturi ta’ governanza trasparenti u salvagwardji tal-kunflitt ta’ interess biex tiġi appoġġjata l-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom;

95. Jinnota li l-erba’ aġenziji (is-Cedefop, l-EU-OSHA, l-Eurofound, u l-ETF) għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-piż amministrattiv u jtejbu l-effiċjenza permezz ta’ servizzi kondiviżi[20]; jenfasizza li l-aġenziji għandhom inaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq il-persunal biex iżommu ammonti ta’ xogħol sostenibbli billi jikkondividu servizzi komuni għall-funzjonijiet tar-riżorsi umani, legali, tal-IT u tekniċi; jirrimarka li dan jippermetti lill-aġenziji jnaqqsu l-persunal involut f’attivitajiet amministrattivi u jiffukaw aktar fuq l-operazzjonijiet ewlenin; jistieden lil dawn l-aġenziji, f’koordinazzjoni mill-qrib mal-Qorti, jiżviluppaw pjan strutturat ta’ implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi bi stadji importanti konkreti, biex jiffaċilitaw l-iskambju reċiproku tal-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet fost l-aġenziji kkonċernati kif ukoll fl-EUAN usa’, abbażi tas-sejbiet tal-awditjar u l-evalwazzjonijiet trażversali tal-Qorti; jistieden lill-Kumitat biex jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza kull sena dwar il-progress li jkun intlaħaq fl-ambitu ta’ dan il-pjan;

96. Jinnota li s-Cedefop kien involut f’tilwima legali ma’ eks membru tal-persunal li l-kuntratt tiegħu ma ġġeddidx fl-2017; ifakkar li, fl-2020,

il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat id-deċiżjoni tas-Cedefop u ordnat il-ħlas ta’ kumpens finanzjarju, li ġiet implimentata mis-Cedefop; jinnota li azzjoni sussegwenti mressqa mill-ex membru tal-persunal dwar l-implimentazzjoni ta’ dik is-sentenza ġiet miċħuda mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fi Frar 2024; josserva li l-ex membru tal-persunal appella dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Kawża C-209/24 P) u li s-sentenza finali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta’ Frar 2024 (T-563/22), annullat id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tas-Cedefop tas-17 ta’ Diċembru 2021 u d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli tiegħu tas-17 ta’ Ġunju 2022, ordnat lis-Cedefop iħallas EUR 15 000 lill-applikant bħala kumpens għal dannu mhux materjali, u jġarrab il-kostijiet kollha mġarrba mill-applikant kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell; ifakkar li s-sentenza inizjali tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabet ksur tal-garanziji proċedurali fundamentali, inkluż id-dritt li wieħed jinstema’, id-drittijiet tad-difiża, l-obbligu ta’ diliġenza u l-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba; jinnota bi tħassib li jidher li ma nbdiet l-ebda proċedura dixxiplinarja kontra l-ex direttur eżekuttiv jew membri tal-persunal oħra responsabbli wara dawk is-sejbiet; jikkritika t-tul eċċessiv tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet anke minħabba żball min-naħa tal-Qorti Ġenerali abbażi ta’ informazzjoni mill-aġenzija; jisħaq li d-dannu mhux materjali huwa direttament attribwibbli għan-nuqqas min-naħa tas-Cedefop li jikkonforma kif xieraq mas-sentenza ta’ annullament lil hinn mis-sempliċi ħlas ta’ kumpens, u li għalhekk ġiet stabbilita rabta kawżali bejn l-imġiba illegali tas-Cedefop u d-dannu; jisħaq li s-Cedefop issa jeħtieġlu jeżamina mill-ġdid it-talba għat-tiġdid tal-kuntratt, iwettaq mill-ġdid il-proċedura mis-sitwazzjoni kif kienet fl-2017 u jadotta deċiżjoni li tissostitwixxi d-deċiżjoni annullata; dan ir-rieżami għandu jsir skont il-proċedura rilevanti kif stabbilita fir-Regolamenti tal-Persunal u r-regoli interni tas-Cedefop dwar ir-reklutaġġ inkluż il-kumpens potenzjali neċessarju; iħeġġeġ li d-deċiżjonijiet relatati mal-persunal iridu jittieħdu b’mod trasparenti u traċċabbli, abbażi tar-regoli kollha minquxa fir-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll f’waqthom;

97. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-EU-OSHA ħallset għal korsijiet online mingħajr verifika suffiċjenti li s-sigħat fatturati kienu jaqblu mas-servizzi mogħtija, bi ksur tal-Artikolu 73 tar-regolament finanzjarju tal-Aġenzija; jinnota l-kjarifika mill-Aġenzija li jitwettqu verifiki *ex ante* b’mod regolari u li dan il-każ kien jirrifletti skadenza fid-dokumentazzjoni pjuttost milli nuqqas ta’ kontroll; jilqa’ l-miżuri addizzjonali introdotti biex tiġi żgurata dokumentazzjoni kompluta tal-forniment tas-servizzi u jisħaq fuq l-importanza li jinżammu rekords robusti tal-evidenza għall-pagamenti kollha biex jiġu ggarantiti l-legalità u r-regolarità;

98. Josserva li 75 % tal-kanċers relatati max-xogħol huma marbuta mal-esponiment għall-asbestos, jirrikonoxxi l-kontribut tal-EU-OSHA fl-

2024 għal-linji gwida l-ġodda tal-Kummissjoni dwar l-asbestos u jħeġġeġ lill-EU-OSHA tkompli talloka r-riżorsi tal-persunal u tal-baġit biex tikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni dwar l-asbestos u l-metodi biex tiġi indirizzata l-kwistjoni mifruxa tal-asbestos madwar l-Ewropa;

99. Ifakkar fi tnejn mill-irregolaritajiet fl-akkwist tal-ETF, enfasizzati mill-Qorti fl-2022, li rriżultaw f'pagamenti irregolari fl-2024; jinnota li f'każ wieħed, l-ETF tat kuntratt ta' EUR 1 miljun għal servizzi ta' appoġġ għall-kontenut lil offerent li ma laħaqx il-limitu tal-fatturat finanzjarju meħtieġ, u b'hekk il-kuntratt u l-pagamenti relatati (EUR 186 175 fl-2024) saru irregolari; jinnota li f'każ ieħor, matul proċedura ta' akkwist miftuħa ta' EUR 4 miljun għal servizzi ta' appoġġ fil-pajjiż, l-offerent rebbieħ naqas milli juri kapaċità ekonomika u finanzjarja suffiċjenti, li rriżulta f'aktar irregolaritajiet fil-pagamenti (EUR 252 714 fl-2024); jinnota, barra minn hekk, li f'sejħa għall-offerti fl-2023 għall-infrastruttura tal-LAN fil-bini tagħha, l-ETF imponiet rekwiżiti eċċessivi fir-rigward tal-kapaċità finanzjarja mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, li potenzjalment affettwat b'mod negattiv il-kompetizzjoni; jinnota li l-ETF irrikonoxxiet dawk il-kwistjonijiet u rrieżaminat il-metodoloġija tagħha iżda jinsisti li l-ETF jeħtiġilha timplimenta mekkaniżmi ta' konformità aktar stretti biex tipprevjeni l-ksur tar-regoli tal-akkwist fil-futur;

100. Huwa mħasseb li diversi osservazzjonijiet relatati mal-akkwist mis-snin preċedenti għadhom miftuħa kemm għall-ELA (oriġini tal-opinjoni kwalifikata fl-2023 u fl-2024) kif ukoll għall-ETF;

Rakkomandazzjonijiet

101. Jistieden lill-aġenziji jieħdu azzjoni fuq l-osservazzjonijiet tal-Qorti, b'mod partikolari li:

(i) l-ELA ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħhom u tiffformalizza pjan ta' kontinġenza għall-aġġustamenti tas-salarji, inkluża l-koordinazzjoni bikrija tal-finanzjament tal-Unjoni;

(ii) l-ELA, l-ETF u l-EU-OSHA jkomplu jsaħħu s-sistemi tal-akkwist u tal-kontroll intern tagħhom billi jiżguraw li l-pagamenti kollha jkunu sostnuti minn evidenza kompluta u verifikabbli, li r-rekwiżiti tal-kapaċità finanzjarja u teknika jiġu applikati b'mod konsistenti u proporzjonat, u li l-kontrolli *ex ante* u *ex post* jiġu ddokumentati b'mod sistematiku;

102. Barra minn hekk, jistieden lis-Cedefop, lill-ELA, lill-ETF, lill-EU-OSHA u lill-Eurofound biex:

(i) isaħħu b'mod sinifikanti s-sistemi tagħhom ta' monitoraġġ u ta' kejl tal-prestazzjoni billi jinkorporaw bis-sħiħ l-objettivi SMART u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni robusti u orjentati lejn ir-riżultati, jindirizzaw il-lakuni fid-data u jallinjaw il-metrika mal-

prijoritajiet operazzjonali biex itejbu l-kosteffettività u r-responsabbiltà tal-partijiet ikkonċernati;

(ii) jadottaw approċċi ta' monitoraġġ strutturati u koerenti, jiżguraw il-kompletezza u l-komparabbiltà tad-data fiċ-ċikli ta' rapportar, jistabbilixxu indikaturi konsistenti fil-livell nazzjonali fejn rilevanti, u jtejbu l-prattiki tal-iffissar tal-miri, filwaqt li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jissaħħaħ l-appoġġ politiku bbażat fuq l-evidenza;

(iii) jintensifikaw l-isforzi lejn mudell strutturat ta' servizzi kondiviżi li jkopri r-riżorsi umani, legali, tal-ICT, amministrattivi u l-appoġġ tekniku biex tiżdied is-sinerġija, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiġu żgurati ammonti ta' xogħol sostenibbli, u jiġi lliberat il-persunal għal kompiti operazzjonali ewlenin; jirrikonoxxi li dan se jirrikjedi strateġija mfassla bir-reqqa peress li l-aġenziji jinsabu f'reġjuni differenti, jiġifieri l-bliet ta' Tessaloniki, Bratislava, Turin, Bilbao u Dublin rispettivament;

(iv) iħeġġeġ lis-Cedefop jadotta deċiżjoni ta' sostituzzjoni li timplimenta bis-sħiħ is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 2026, f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal, il-proċeduri u r-regoli interni rilevanti, u mad-drittijiet ta' membru tal-persunal li japplika għal tiġdid tal-kuntratt tiegħu; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jiġu evitati proċedimenti ulterjuri u kostijiet finanzjarji addizzjonali għall-Aġenzija; jistieden lis-Cedefop iressaq pjan ta' azzjoni li jkun jinkludi: (i) kif se tiġi implimentata l-proċedura għad-deċiżjoni abbażi tas-sitwazzjoni kif kienet fl-2017 inkluża skeda ta' żmien; (ii) kif is-Cedefop biħsiebu jiżgura li r-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal, il-proċeduri interni, u d-drittijiet kollha ta' membru tal-persunal jiġu segwiti; (iii) x'tip ta' kumpens se jitħallas u għal liema raġunijiet; (iv) x'tip ta' bidliet jew pjanijiet implimenta s-Cedefop biex jittejbu l-proċeduri meta jimpjega lill-persunal jew itawwal il-kuntratti; (v) deskrizzjoni tat-tipi kollha ta' kostijiet imġarrba matul it-tilwima legali kollha mill-2017 'l hawn u rapport lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress tal-implimentazzjoni sal-bidu ta' Settembru;

(v) isaħħu l-politiki tagħhom dwar il-persunal sabiex inaqqsu d-dipendenza eċċessiva fuq persunal interim, ħaddiema temporanji u trainees, b'mod partikolari għal funzjonijiet ewlenin u kontinwi; jisħaq li arranġamenti strutturalment prekarji għal dak li għandu x'jaqsam mal-persunal jistgħu jżidu l-pressjonijiet tal-ammont ta' xogħol, idgħajfu s-superviżjoni u t-taħriġ, u ma jwasslux għal kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa, sikuri u stabbli; jistieden lill-aġenziji jiżguraw li l-ħtiġijiet permanenti jiġu ssodisfati primarjament permezz ta' persunal statutorju mħarreġ b'mod adegwat, jipprovdu perspettivi ta'

impjieg aktar fit-tul u aktar stabbli meta xieraq, u jiżguraw li t-trainees ma jintużawx biex jikkumpensaw għal nuqqasijiet strutturali ta' persunal jew biex iwettqu funzjonijiet ewlenin;

Aġenziji fil-qasam tas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari[18]

103. Jinnota bi tħassib li l-kwistjoni rigward l-eks bini tal-EMA f'Londra għadha tippersisti, u toħloq sfidi finanzjarji u operazzjonali sinifikanti; huwa konxju li minkejja r-rilokazzjoni tal-EMA minħabba l-Brexit, għadha finanzjarjament responsabbli għal dan il-bini, sitwazzjoni aggravata mill-pożizzjoni finanzjarja prekarja tas-sullokatur wara li falliet il-kumpanija omm ta' WeWork f'Novembru 2023; jinnota li l-esponiment massimu, inkluż l-obbligu fiskali tat-taxxa tal-kunsill pagabbli mill-EMA fil-każ li l-uffiċċji jkunu vakanti għall-bqija tal-lokazzjoni, jammonta għal EUR 543 miljun;

104. Jinnota li f'Ottubru 2024, f'konformità mad-diskussjonijiet li saru mal-awtoritajiet baġitarji tal-Unjoni u bil-kunsens ta' sid il-kera tagħha stess, l-EMA qablet li temenda s-sullokazzjoni eżistenti mas-sullokatur, sabiex tiffaċilita tnaqqis fil-kera filwaqt li żżomm il-pagamenti sħaħ għall-ħlasijiet għas-servizzi u l-assigurazzjoni ta' sid il-kera; jinnota li din kienet tinkludi dispożizzjonijiet jew għall-EMA jew inkella għas-sullokatur biex itemmu s-sullokazzjoni kmieni, jiġifieri qabel id-data ta' skadenza skedata f'Ġunju 2039, taħt ċerti kundizzjonijiet; huwa konxju li f'dan ir-rigward, l-EMA pprevediet kuntratt oneruż, b'ammont riportat ta' EUR 122,1 miljun fil-31 ta' Diċembru 2024; jinnota li fl-2024 l-EMA rċeviet rimborż fi flus mill-Kummissjoni ta' EUR 11,2-il miljun li ġie rikonoxxut bħala introjtu; ifaħħar il-passi proattivi li ħadet l-EMA, u l-miżuri prudenti biex jittaffa xi ftit mill-piż finanzjarju kkawżat bħala riżultat ta' din il-kwistjoni;

105. Jenfasizza li meta l-EMA ħarġet il-kontijiet tagħha, is-sottokerrej kien issodisfa l-obbligi kuntrattwali tiegħu, b'pagamenti ta' imposti tal-kiri u tas-servizzi li jkopru l-perjodu sat-30 ta' Ġunju 2025;

106. Jesprimi appoġġ għat-talba tal-Bord ta' Tmexxija tal-EMA biex din il-kwistjoni tissolva fl-ogħla livell politiku, u b'hekk l-EMA tkun tista' tikkonċentra r-riżorsi tagħha fuq il-mandat formali tagħha u tindirizza l-prijoritajiet tas-saħħa pubblika madwar l-Unjoni;

107. Ifakkar fi tnejn mill-irregolaritajiet fl-akkwist tal-EMA, enfasizzati mill-Qorti fl-2020, li rriżultaw f'pagamenti irregolari fl-2024; jinnota li l-EMA qabżet il-limiti massimi finanzjarji ta' diversi kuntratti qafas tal-IT, b'żidiet li jvarjaw minn 77 % sa 124 %, bi ksur tal-Artikolu 172(3)(a) (iii) tar-Regolament Finanzjarju li rriżulta f'pagamenti irregolari li ammontaw għal EUR 3,1 miljun fl-2024; jinnota t-tweġiba tal-EMA li ż-żidiet kienu meħtieġa biex jirrispondu għal ħtiġijiet operazzjonali eċċezzjonali li rriżultaw minn żviluppi

18 L-ECDC, l-EFSA, l-EMA u l-EUDA.

leġiżlattivi u fir-rigward tas-saħħa pubblika li ma kinux previsti, u li l-modifiki kollha fil-kuntratti ġew irreġistrati fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet;

108. Jiġbed l-attenzjoni għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2024 li tirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 4831 (final), li kienet irrifjutat l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 għal "Aplidin (plitidepsin)", prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem; jenfasizza li r-revoka kienet ibbażata fuq is-sejba ta' kunflitt ta' interess li jikkonċerna wieħed mill-konsulenti xjentifiċi li pparteċipa fil-grupp konsultattiv li kellu rwol attiv fl-iżvilupp ta' prodott mediċinali kompetitur, ċirkostanza li kellha tiskwalifika l-parteċipazzjoni tiegħu skont il-prinċipju ta' imparzjalità oġġettiva; jenfasizza li l-EMA saħħet b'mod sinifikanti l-politika tagħha dwar it-trattament ta' interessi kompetituri għall-membri tal-kumitat xjentifiku u l-esperti, li ġiet adottata mill-Bord Amministrattiv tal-EMA f'Diċembru 2024 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2025;

109. Ifaħħar il-ħidma tal-EMA fl-indirizzar tan-nuqqas ta' mediċini b'rabta mal-antibijotiċi amoxicillin fl-Ewropa u fil-ħidma li saret flimkien mal-aġenzija nazzjonali tal-mediċini biex tindirizza n-nuqqas bir-riżultat li Amoxicillin tneħħa mil-lista tan-nuqqasijiet fl-2024; iħeġġeġ lill-EMA tkompli tapplika r-riżorsi tal-persunal u tal-baġit għal għanijiet simili;

110. Jinnota li l-QEA rrakkomandat fir-Rapport Speċjali 12/2024 tagħha li l-EMA tkompli taħdem biex tagħmel il-komunikazzjonijiet tagħhom faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, sabiex il-pubbliku jkollu għarfien aħjar dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni li jsir minn din l-aġenzija.

111. Jinnota li l-QEA, fir-Rapport Speċjali tagħha ta' Diċembru 2024, irrakkomandat li l-EMA tikkoordina mal-ECDC u l-HERA biex titjieb it-tħejjija għall-pandemiji permezz ta' rwoli aktar ċari, użu aktar effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni, u rieżami tal-għodod, il-proċeduri u l-gwida żviluppati matul il-pandemija biex tiddetermina liema għandhom jinżammu jew jiġu adattati f'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku, u jħeġġeġ riżorsi adegwati biex jappoġġjaw dan l-isforz;

112. Jenfasizza li l-EMA indikat, fost l-oħrajn, nuqqasijiet kontinwi ta' mediċini kritiċi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u taż-ŻEE, inklużi mediċini ewlenin kontra l-kanċer (fludarabine, vindesine, fluorouracil, Cisplatin, Topotecan, Methotrexate) għal-lewkimja, il-linfoma, il-kanċer tal-ovarji u tal-pulmun taċ-ċelloli żgħar, kif ukoll trattamenti essenzjali tad-dijabete (diversi insulini, liraglutide, dulaglutide) meħtieġa għall-ġestjoni tad-dijabete tat-tip 1 u tat-tip 2;

113. Jesprimi tħassib serju dwar il-ksur ripetut tar-Regolament Finanzjarju identifikat fil-proċessi ta' akkwist tal-EUDA, filwaqt li

jinnota l-ħames irregolaritajiet indikati mill-Qorti fl-2024; jisħaq li dawk l-irregolaritajiet jinkludu:

– qsim mhux awtorizzat ta’ kuntratti u użu mhux xieraq ta’ proċeduri nnegozjati mingħajr ġustifikazzjoni għal tliet kuntratti ta’ avvenimenti ta’ Liżbona (post u forniment tal-ikel, li kienu jammontaw għal EUR 210 668), flimkien man-nuqqas ta’ dokumentazzjoni ewlenija u man-nuqqas ta’ rispett tar-rekwiżiti għall-pubbliċità tal-akkwist;

– nuqqasijiet serji f’kuntratt ta’ EUR 410 000 għal sistema ta’ rapportar tat-traffikar tad-droga, inkluż nuqqas ta’ speċifikazzjonijiet xierqa għall-offerti, kriterji tal-għoti, u kumitat ta’ evalwazzjoni, li rrendew kemm il-kuntratt kif ukoll il-pagament ta’ EUR 60 000 tiegħu irregolari;

– pagamenti eċċessivi ta’ EUR 14 007 aktar mill-valur miftiehem tal-kuntratt għaċ-ċerimonji ta’ inawgurazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 73 tar-regolament finanzjarju tal-EUDA;

– proċedura ta’ akkwist difettuża għal kuntratt ta’ ġbir ta’ data ta’ EUR 10 000 fl-Ukrajna, li kellu neqsin il-kriterji għall-għoti u dokumentazzjoni xierqa;

– nuqqas ta’ konformità mar-rekwiżiti ta’ pubbliċità u ta’ dikjarazzjonijiet ta’ kunflitt ta’ interess fi proċedura ta’ akkwist ta’ servizzi interim ta’ EUR 100 000;

114. Jinnota r-rispons tal-EUDA, filwaqt li jirrikonoxxi kemm in-nuqqasijiet proċedurali kif ukoll il-ħtieġa ta’ azzjonijiet ta’ segwitu biex tiġi żgurata l-konformità;

115. Jinnota d-dewmien kontinwu fl-implimentazzjoni fl-EUDA fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-etika, b’mod partikolari r-rakkomandazzjoni miftuħa rigward l-ammont ta’ xogħol u l-ġestjoni tal-prestazzjoni, li għadha ma ġietx solvuta fil-qasam tal-isfidi ta’ implimentazzjoni fil-valutazzjoni tal-ammont ta’ xogħol u l-metodi ta’ ġestjoni bbażati fuq l-attività għall-allokazzjoni tal-persunal/FTE u l-ibbaġitjar tal-kostijiet; huwa konxju li l-Aġenzija rrevediet l-iskadenza fil-mira tagħha għall-implimentazzjoni sal-31 ta’ Diċembru 2025;

116. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li tlieta mill-proċeduri ta’ akkwist tal-ECDC tnedew mingħajr deċiżjonijiet ta’ finanzjament minn qabel, bi ksur tal-Artikolu 72(3)(b) tar-Regolament Finanzjarju tiegħu; jinnota barra minn hekk li hemm dgħufijiet fil-kontroll fl-evalwazzjoni ta’ kuntratt ta’ konferenza ta’ EUR 2,8 miljun, inkluża verifika insuffiċjenti tal-kriterji tal-għażla, u nuqqas ta’ kontrolli fuq offerti anormalment baxxi, bi ksur tal-Artikoli 151 u 167 u tat-Taqsima 23 tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju; jinnota t-tweġiba taċ-Ċentru li tiddeskrivi l-miżuri korrettivi, inklużi verifika *ex ante* mtejba u

dokumentazzjoni aħjar għall-evalwazzjonijiet tal-akkwist;

117. Jenfasizza li l-QEA tirrakkomanda l-ħidma tal-ECDC mal-Istati Membri biex tissaħħaħ sistema armonizzata ta' sorveljanza tal-mard infettiv fl-Unjoni kollha, jittejbu l-proċessi interni biex tiġi pprovduta gwida aktar f'waqtha u aktar prattika, u tiġi kkomunikata b'mod aktar ċar mal-pubbliku bl-użu ta' lingwaġġ sempliċi, biex jiġi rifless aħjar l-użu tal-fondi tal-Unjoni, kif innotat mill-QEA fir-Rapport Speċjali 12/2024 tagħha;

Rakkomandazzjonijiet

118. Jistieden lill-aġenziji jieħdu azzjoni fuq l-osservazzjonijiet tal-Qorti, b'mod partikolari li:

(i) l-EUDA tindirizza minnufih l-irregolaritajiet, issaħħaħ il-kontrolli interni, u tiżgura aderenza stretta mar-regoli tal-akkwist biex tipprevjeni ksur ulterjuri;

(ii) l-EMA ssaħħaħ il-proċeduri tagħha għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess possibbli meta tagħżel il-membri tal-bord konsultattiv;

(iii) l-ECDC jiżgura implimentazzjoni konsistenti tar-regoli tal-akkwist, inkluża verifika *ex ante* mtejba;

(iv) jiġi offrut taħriġ adegwat lill-persunal dwar ir-regoli tal-akkwist;

119. Barra minn hekk, jistieden lill-aġenziji li ġejjin:

(i) l-EUDA tirrapporta lill-Awtorità ta' Kwittanza dwar id-dettalji tal-progress tagħha fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-etika, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni miftuħa rigward il-ġestjoni tal-ammont ta' xogħol u tal-prestazzjoni;

(ii) l-aġenziji kollha jieħdu nota tal-osservazzjonijiet tal-QEA b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli tal-akkwist u jieħdu azzjoni xierqa billi jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA;

(iii) l-ECDC u l-EMA japplikaw parti mill-baġit tagħhom għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet deskritti mill-Qorti fir-Rapport Speċjali 12/2024 u elenkati hawn fuq;

(iv) l-EMA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni immedjata biex jindirizzaw in-nuqqasijiet kontinwi ta' mediċini kritiċi elenkati hawn fuq, u f'dan ir-rigward iħeġġeġ lill-EMA tikkollabora mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-Kummissjoni biex: i) talloka biżżejjed riżorsi biex tindirizza l-problema ii) tanalizza u tipproponi modi kif jiġu indirizzati l-kawżi ta' dawn in-nuqqasijiet, inklużi l-manifattura, il-katina tal-

provvista, l-isfidi tad-distribuzzjoni, u l-ostakli għas-suq intern jew il-protezzjoniżmu nazzjonali, inkluża l-ħtieġa tal-produzzjoni ta' mediċini Ewropej iii) tiżviluppa pjanijiet ta' kontinġenza biex tiżgura aċċess mingħajr interruzzjoni għall-pazjenti, inkluża l-prijoritizzazzjoni ta' każijiet ta' ħtieġa kbira; jenfasizza li azzjoni immedjata u kkoordinata hija vitali biex jiġi evitat dewmien fit-trattament, jiġi evitat id-deterjorament tal-eżiti tal-pazjenti, u tiġi protetta l-fiduċja pubblika fis-sistema tal-kura tas-saħħa Ewropea; iħeġġeġ lill-EMA tapplika riżorsi interni addizzjonali mill-baġit tagħha għal dan l-għan;

Aġenziji fil-qasam tat-Trasport u l-Mobbiltà[19]

120. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-EASA għamlet pagamenti irregolari fl-2024 li jammontaw għal EUR 43 000 fl-ambitu ta' kuntratt għal servizz mhux kopert mill-kuntratt; jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li tirrikonoxxi l-kwistjoni u tiddikjara li l-Aġenzija ħadet azzjoni korrettiva u li s-servizz ġie inkluż fil-Kuntratt Qafas mill-2025;

121. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-ERA, fosthom:

– dokumentazzjoni fqira li pprevjeniet lill-aġenzija milli tqabbel EUR 144 153 f'pagamenti għall-Konferenza tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju tal-2024, li potenzjalment tpoġġi f'riskju l-ġbir sħiħ tad-dħul;

– ħruġ tard ta' noti ta' debitu bi ksur tal-Artikolu 43 tar-regolament tat-twaqqif tal-ERA, li jirrikjedi li n-noti ta' debitu jinħarġu fi żmien 60 jum mill-forniment tas-servizz;

Rakkomandazzjonijiet

122. Jistieden lill-aġenziji jieħdu azzjoni fuq l-osservazzjonijiet tal-Qorti, b'mod partikolari li:

– l-ERA tistabbilixxi u tinforza sistema standardizzata ta' traċċar għall-avvenimenti kollha li jinvolvu l-ħlas ta' tariffa u timplimenta sistema biex tawtomatizza l-proċessi tal-fatturazzjoni biex tiżgura li n-noti ta' debitu jinħarġu fi żmien 60 jum mill-forniment tas-servizz, tnaqqas id-dipendenza fuq skattaturi manwali, tinforza l-kontrolli interni u tinkludi l-puntwalità tal-fatturazzjoni bħala Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni (KPI) fir-rapportar finanzjarju;

Aġenziji fil-qasam tal-Ambjent u l-Enerġija[20]

123. Jinnota t-tliet osservazzjonijiet tal-Qorti dwar l-irregolaritajiet fl-

---

19 L-EASA, l-EMSA u l-ERA.

20 L-ACER, l-ECHA, l-EEA u l-EFCA.

akkwist fl-EEA, fosthom:

– pagamenti irregolari fl-ambitu ta’ kuntratt qafas għal servizzi tal-canteen u tal-forniment tal-ikel u xorb, b’rimborż ta’ EUR 6 514 mingħajr fattura indirizzata lill-Aġenzija, bi ksur tal-Artikolu 111(2) tar-Regolament Finanzjarju, u żieda fil-prezzijiet tal-ikla ta’ nofsinhar ta’ 34 % aktar mill-mekkaniżmu ta’ indiċjar miftiehem; jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li dawn kienu inċidenti iżolati, u li minn dak iż-żmien il-proċeduri ġew iċċarati u msaħħa, u li l-aġġustament tal-prezzijiet kien dovut għal kundizzjonijiet inflazzjonarji eċċezzjonali;

– l-użu tas-Sistema ta’ Laqgħat tal-Esperti interna tagħha biex jiġu ordnati servizzi ta’ forniment ta’ ikel u xorb, minflok il-formoli tal-ordnijiet meħtieġa mill-kuntratt qafas, li pprevjena l-monitoraġġ affidabbli tan-nefqa kumulattiva u ħoloq riskju li jinqabeż il-limitu massimu tal-kuntratti bi ksur tal-Artikolu 111(1) u (3) tar-Regolament Finanzjarju; jirrikonoxxi t-tweġiba tal-EEA li s-Sistema ta’ Laqgħat tal-Esperti tipprovdi proċess ta’ kontroll razzjonalizzat u li se temenda l-kuntratt qafas kif xieraq; jenfasizza li sabiex jiġi indirizzat bis-sħiħ it-tħassib tal-Qorti, is-Sistema ta’ Laqgħat tal-Esperti għandha tiġi integrata mas-sistema kontabilistika biex jiġi żgurat li l-ordnijiet kollha tal-forniment tal-ikel u xorb awtomatikament jiġġeneraw impenji legalment vinkolanti;

– it-tip ta’ kuntratt: jinnota li l-EEA naqset milli tispeċifika t-tip ta’ kuntratt speċifiku (bi prezz fiss jew ta’ żmien u mezzi) għal kuntratt ta’ konsulenza tal-IT għal ammont ta’ EUR 731 000, għall-kuntrarju tat-Taqsima 1.1 tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju, li għamilha impossibbli li l-ammont totali tal-kuntratt jiġi rrikonċiljat mal-prezz għal kull konsulent; jinnota l-ispjegazzjoni tal-EEA li l-ommissjoni ma kellha l-ebda impatt finanzjarju, u l-impenn li tiżgura li l-kuntratti futuri kollha jinkludu din l-informazzjoni;

124. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-ECHA ffirmat kuntratt speċifiku għall-infrastruttura tal-IT b’valur ta’ EUR 8,1 miljun, li jaqbeż il-limitu delegat tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b’EUR 1,3 miljun; jieħu nota tal-ispjegazzjoni tal-Aġenzija li l-kuntratt kien ibbażat fuq stimi mhux vinkolanti tal-volum ta’ servizzi fil-limiti tal-approprjazzjonijiet annwali u li l-impenji baġitarji reali ma qabżux l-awtoritàdelegata; iħeġġeġ lill-ECHA tiżgura allinjament ċar bejn id-delegazzjonijiet finanzjarji u l-impenji kuntrattwali; jistieden lill-Aġenzija tintroduċi mekkaniżmi ta’ skrinjar imsaħħa li jħarsu’ l quddiem għall-kuntratturi esterni involuti f’ħidma relatata mat-teħid ta’ deċiżjonijiet regolatorji tal-Aġenzija;

125. Jiġbed l-attenzjoni għat-tħassib imqajjem minn diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rigward kunflitt ta’ interess

professjonali potenzjali fil-każ ta’ Ramboll Germany GmbH, konsulenza li fil-passat kienet twettaq studji tekniċi għall-ECHA filwaqt li tipprovdi wkoll servizzi lill-partijiet ikkonċernati mill-industrija li jfittxu li jinfluwenzaw ir-restrizzjonijiet futuri tal-PFAS; jisħaq li l-istrutturi konsultattivi esperti għandhom jirriflettu rappreżentanza bbilanċjata ta’ għarfien espert xjentifiku, industrijali u tas-soċjetà ċivili sabiex jissaħħu l-leġittimità u t-teħid ta’ deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza; jirrikonoxxi d-dikjarazzjoni tal-organizzazzjonijiet li l-attivitajiet paralleli ta’ Ramboll setgħu kkompromettew l-imparzjalità meħtieġa skont l-Artikoli 2(56) u 143(d) tar-Regolament Finanzjarju; jisħaq li l-prinċipju ta’ ġestjoni finanzjarja tajba jirrikjedi li l-Aġenzija tiżgura li l-akkwist u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti jitwettqu b’mod li jippreserva l-imparzjalità istituzzjonali u l-fiduċja pubblika; jinnota li l-kunflitti ta’ interess mhux identifikati jistgħu jaffettwaw il-kredibbiltà tal-attivitajiet iffinanzjati mill-Unjoni anke fin-nuqqas ta’ irregolarità proċedurali; jappella għal salvagwardji adegwati li jindirizzaw kemm ir-riskji attwali kif ukoll dawk apparenti;

126. Jinnota, madankollu, il-kjarifika tal-ECHA li l-ħidma mwettqa minn Ramboll Deutschland għall-Aġenzija fuq il-PFAS twettqet bejn l-2020 u l-2021, qabel ma tqabbdet għall-konsulenza mal-industrija fl-2022, u li l-valutazzjonijiet tal-kunflitti ta’ interess twettqu f’konformità mal-proċeduri tal-ECHA fiż-żmien meta ngħata l-kuntratt; jinnota, barra minn hekk, li skont il-kuntratt qafas attwali tal-2024, Ramboll ma ssottomettiex offerti għal kuntratti speċifiċi; jilqa’ d-dikjarazzjoni tal-ECHA li wettqet rieżami intern dettaljat b’rispons għat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti u ma sabet l-ebda kunflitt ta’ interess mhux ġestit; jisħaq madankollu fuq l-importanza li jiġu żgurati kontrolli robusti, proattivi u li jħarsu’ l quddiem tal-kunflitt ta’ interess għall-kuntratturi esterni kollha, b’mod partikolari dawk involuti f’xogħol tekniku li jikkontribwixxi għal deċiżjonijiet regolatorji sensittivi; jenfasizza li l-gruppi ta’ esperti għandu jkun fihom bilanċ ta’ membri minn diversi setturi inklużi s-settur privat, is-setturi tax-xjenza u s-soċjetà ċivili biex jirrappreżentaw kompetenzi u fehmiet differenti; jistieden lill-Aġenzija tintegra l-kontrolli tal-indipendenza tal-kuntrattur fil-qafas usa’ tagħha ta’ kontroll intern u ġestjoni tar-riskju; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati proċeduri robusti u proattivi biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta’ kunflitt ta’ interess jew influwenza indebita;

127. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-EFCA applikat formula ta’ akkwist għas-servizzi tal-IT li wasslet biex il-ponderazzjoni effettiva tal-kriterju tal-prezz taqa’ taħt il-minimu ta’ 30 % irrakkomandat mil-linji gwida tal-Kummissjoni (l-Anness I, il-punt 21.2 tar-Regolament Finanzjarju); jinnota l-impenn tal-EFCA li ma tapplikax din il-formula fi proċeduri ta’ akkwist futuri;

128. Jinnota li l-Qorti għamlet żewġ osservazzjonijiet dwar l-irregolaritajiet fl-akkwist tal-ACER li rriżultaw f’pagamenti irregolari

fl-2024; jirrimarka li wara bidla fil-politika tal-fornitur, l-ACER ordnat servizzi ta' appoġġ tal-IT mingħajr bażi ġuridika għal sitt ġimgħat qabel ma ffirmat il-kuntratt emendat, li rriżulta f'pagamenti irregolari ta' EUR 8 179 bi ksur tal-Artikolu 172(1) tar-Regolament Finanzjarju; jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li din l-eċċezzjoni kienet ġiet approvata formalment biex jiġi evitat tfixkil fil-forniment tas-servizz u li l-pagamenti saru għal servizzi fornuti u dokumentati kif xieraq;

129. Jinnota li l-ACER aċċettat offerta finanzjarja riveduta fi proċedura nnegozjata, li żiedet il-valur tal-kuntratt minn EUR 51 450 għal EUR 79 450 wara s-sottomissjoni, bi ksur tal-Artikoli 151, 160(1) u 170 tar-Regolament Finanzjarju;

130. Ifakkar li l-osservazzjoni tal-Qorti dwar id-dipendenza strutturali tal-ACER fuq ħaddiema interim baqgħet miftuħa mill-2019 'l hawn, u l-persunal interim kompla jwettaq kompiti fit-tul li normalment għandhom ikunu r-responsabbiltà ta' persunal impjegat direttament; jinnota li, għalkemm l-għadd ta' ħaddiema interim naqas minn 18 fl-2023 għal 16 fl-2024, is-sitwazzjoni ppersistiet u l-ACER biħsiebha testernalizza parti minn dawn l-attivitajiet; jinnota t-tweġibiet tal-Aġenzija għall-kwestjonarju, li skonthom hija meħtieġa esternalizzazzjoni estensiva minħabba li hemm riżorsi interni u għarfien espert speċjalizzat insuffiċjenti; josserva li l-ACER testernalizza firxa wiesgħa ta' funzjonijiet, inklużi konsulenzi speċjalizzati ħafna u studji dwar ir-regolamentazzjoni tal-enerġija, servizzi legali, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti, u diversi servizzi ġenerali, iżda li l-aktar dipendenza sinifikanti tikkonċerna l-qasam tal-IT, fejn id-disinn, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-appoġġ, il-manutenzjoni u s-sigurtà tas-sistemi tagħha jitwettqu fil-biċċa l-kbira minn forniturі tas-servizzi esterni; jenfasizza f'dan ir-rigward li aktar minn 100 espert estern tal-IT (mhux neċessarjament full-time) huma involuti fil-forniment ta' servizzi tal-IT lill-ACER, meta mqabbla ma' 17-il membru tal-persunal tal-IT intern biss, u dan joħloq żbilanċ strutturali sostanzjali; jinnota, barra minn hekk, li l-ACER tiddikjara li dan il-mudell ta' esternalizzazzjoni ġie rrakkomandat b'mod espliċitu mill-Kummissjoni fid-dawl tat-tabella tal-persunal limitata tal-Aġenzija u l-limitazzjonijiet tar-riżorsi; jissottolinja, madankollu, li tali dipendenza persistenti fuq forniturі esterni għall-kapaċitajiet ewlenin tal-IT, flimkien mal-użu kontinwu ta' ħaddiema interim għal kompiti permanenti, tqajjem tħassib dwar iż-żamma tal-għarfien, il-kontinwità operazzjonali u l-kapaċità istituzzjonali fit-tul; jisħaq li d-dipendenza qawwija fuq l-IT trid tiġi indirizzata b'mod urġenti biex jiġu ssalvagwardjati ż-żamma tal-għarfien u l-kontinwità operazzjonali; jitlob li l-Kummissjoni u l-ACER jirrapportaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri korrettivi adottati;

Rakkomandazzjonijiet

131. Jistieden lill-aġenziji jieħdu azzjoni fuq l-osservazzjonijiet tal-Qorti,

b’mod partikolari li:

(i) lill-EEA ttejjeb il-proċeduri tagħha ta’ akkwist u ta’ ġestjoni tal-kuntratti biex tipprevjeni irregolaritajiet simili, b’mod partikolari billi tinforza b’mod sistematiku r-rekwiżiti tal-fatturazzjoni u tal-indiċjar tal-prezzijiet tar-Regolament Finanzjarju għall-kuntratti qafas kollha, tintegra s-Sistema ta’ Laqgħat tal-Esperti mas-sistemi ta’ kontabbiltà u ta’ impenn tal-EEA biex tiżgura li l-ordnijiet tal-forniment ta’ ikel u xorb jiġġeneraw impenji legalment vinkolanti u biex ikun possibbli l-monitoraġġ affidabbli tan-nefqa kumulattiva f’konformità mal-Artikolu 111, tobbliga l-inklużjoni tat-tip ta’ kuntratt (bi prezz fiss jew ta’ żmien u mezzi) fil-kuntratti speċifiċi kollha f’konformità mal-Anness I, u timplimenta kontrolli regolari, taħriġ tal-persunal u kontrolli superviżorji msaħħa filwaqt li tiddokumenta bis-sħiħ il-miżuri korrettivi kollha li tieħu;

(ii) l-EFCA tiżgura l-konformità stretta mar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist billi żżomm kriterji ta’ ponderazzjoni tal-prezzijiet ta’ mill-anqas 30 %, tipprovdi taħriġ intern dwar l-applikazzjoni xierqa tal-ponderazzjonijiet tal-akkwist, tintroduċi prova dokumentarja obbligatorja (eż. kuntratti ta’ kiri), twettaq awditi perjodiċi tar-residenza, u ssaħħaħ il-kontrolli biex tipprevjeni l-pagamenti ta’ allowances mhux dovuti u tirrapporta lill-awtorità ta’ kwittanza dwar l-implimentazzjoni;

(iii) l-ACER tipprevjeni irregolaritajiet futuri fl-akkwist u tiżgura l-konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju;

Aġenziji f’oqsma oħra[21]

132. Jinnota li f’żewġ proċeduri nnegozjati l-Uffiċċju tal-BEREC ma speċifikax il-kriterji tal-għażla fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta, bi ksur tal-punt 18.2 tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju b’riskju għall-Uffiċċju tal-BEREC li l-kuntrattur jista’ ma jkollux il-kapaċità li jimplimenta l-kuntratti; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Uffiċċju tal-BEREC li l-kapaċità tal-kuntratturi ġiet ivvalutata permezz ta’ konsultazzjonijiet minn qabel u li se jiżgura li l-kriterji tal-għażla jiġu speċifikati fl-offerti futuri kollha;

133. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li sa Diċembru 2023, il-Kummissjoni kienet meħtieġa tlesti evalwazzjoni ta’ ħames snin tal-Uffiċċju tal-BEREC skont l-Artikolu 48 tar-regolament tat-twaqqif tiegħu, li hija maħsuba biex tivvaluta l-bidliet strutturali jew fil-mandat potenzjali għall-Uffiċċju tal-BEREC, flimkien ma’ kwalunkwe implikazzjoni finanzjarja; jinnota li sa tmiem l-2024, il-Kummissjoni kienet għadha ma ffinalizzatx din l-evalwazzjoni u li skont talba minn MPE, il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament li r-rapport ta’ evalwazzjoni se

---

21 L-Uffiċċju tal-BEREC, is-CdT, l-ENISA, l-EIT, l-EUSPA u l-ESA Euratom.

jiġi ppreżentat f'Diċembru 2025;

134. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti dwar l-irregolarità fil-proċedura tal-akkwist tas-CdT f'kuntratt għall-kiri ta' tagħmir tal-IT, mogħti fl-2016 permezz ta' proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt; jenfasizza li l-kuntratt iġġedded 13-il darba, billi ġiet invokata b'mod żbaljat l-eżenzjoni tal-kuntratt tal-bini skont l-Artikolu 134(1)(h) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, dispożizzjoni li l-Qorti ddeterminat li ma tapplikax għall-kiri ta' tagħmir tal-IT;

135. Jinnota li l-ENISA ma adottatx deċiżjoni ta' finanzjament xierqa qabel it-tnedija ta' proċeduri ta' akkwist għan-nefqa operattiva, li mminat l-ippjanar u s-sorveljanza effettivi u kienet bi ksur tal-Artikoli 32(1) u 72(3)(b) tar-regoli finanzjarji tagħha; jinnota t-tweġiba tal-ENISA li hija taqbel mal-osservazzjoni u ħadet il-passi meħtieġa biex tindirizza l-kwistjoni;

136. Josserva li għal erba' konferenzi (2022-2024), ir-rati medji tal-lukandi tal-ENISA qabżu l-limiti massimi applikabbli għall-persunal tal-Unjoni, b'tariffi għoljin ta' kanċellazzjoni (30 % tal-kostijiet totali) għal żewġ avvenimenti; jenfasizza n-nuqqas ta' linji gwida jew kontrolli *ex ante* għall-organizzazzjoni tal-konferenzi; jinnota t-tweġiba tal-ENISA li taqbel u se tieħu azzjoni korrettiva;

137. Jiġbed l-attenzjoni lejn proċedura ta' akkwist għal servizzi ta' riċerka u żvilupp li ma kellhiex biżżejjed dokumentazzjoni biex tiġġustifika l-valur stmat tal-kuntratt u naqset milli tiddefinixxi kriterji tal-għażla speċifiċi u li jistgħu jitkejlu, kif meħtieġ mill-Artikolu 167 u mill-Anness I, il-punt 18.2, tar-Regolament Finanzjarju; jinnota t-tweġiba tal-ENISA li hija diġà indirizzat dan it-tħassib;

138. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti dwar l-EIT, b'mod partikolari verifika *ex post* esterna ta' kampjun rappreżentattiv ta' elementi ta' kost taħt il-pagamenti tal-għotjiet li rriżultat f'rata ta' żball globali ta' 0,4 %; josserva li l-qorti kkalkulat mill-ġdid ir-rata ta' żball globali għall-kampjun, filwaqt li inkorporat ammont ineliġibbli addizzjonali identifikat minnha fl-awditu tagħha, u kkonkludiet li l-pagamenti tal-għotjiet kienu vvizzjati minn rata ta' żball stmata ta' 0,8 % li kienet tapplika għall-EUR 6 miljun ta' pagamenti ta' għotjiet ikklerjati mill-EIT fl-2024 u li tindika li madwar EUR 50 000 jistgħu jkunu vvizzjati minn żball;

139. Jinnota li, fl-2023, l-EIT qaleb il-ftehimiet ta' għotja tiegħu minn struttura annwali għal waħda pluriennali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li din il-bidla għandha impatt fuq il-valutazzjoni mill-Qorti tal-legalità u r-regolarità, li tista' titwettaq biss waqt pagamenti interim u finali; jinnota li fl-2024, l-EIT ħallas EUR 412-il miljun fi prefinanzjament għal ftehimiet pluriennali, li jirrappreżentaw 92,9 % tal-pagamenti totali għas-sena; jinnota li l-legalità u r-regolarità ta'

dawn il-pagamenti se jiġu vvalutati fis-snin li ġejjin; jisħaq li tali sehem għoli ta' pagamenti ta' prefinanzjament jirrikjedi mekkaniżmi msaħħa ta' monitoraġġ u kontroll sabiex jittaffa r-riskju ta' korrezzjonijiet finanzjarji jew irkupri futuri;

140. Jesprimi tħassib dwar l-investigazzjonijiet tal-OLAF dwar tliet każijiet differenti konklużi fl-2024 u r-rakkomandazzjonijiet Finanzjarji u Amministrattivi sussegwenti tiegħu; jinnota li l-OLAF irrakkomanda li l-EIT jirkupra ammonti sostanzjali mill-benefiċjarji wara investigazzjoni; jinnota li l-ammont li għandu jiġi rkuprat huwa relatat mal-ftehimiet ta' għotja mogħtija mill-2020 sal-2023; jinnota li, fl-2024, l-EIT għamel pagament ta' prefinanzjament ta' EUR 52,1 miljun fir-rigward tal-ftehim ta' għotja tal-2023 u li dan ma kienx parti mill-popolazzjoni tal-awditjar tal-pagamenti tal-Qorti fl-2024;

141. Jinnota b'attenzjoni partikolari l-ispjegazzjonijiet mogħtija mid-Direttur tal-EIT matul is-seduta ta' smigħ li saret fl-1 ta' Diċembru 2025 li l-irregolaritajiet jikkonċernaw il-benefiċjarji tal-għotjiet tal-EIT u mhux il-membri tal-persunal tal-EIT, u li fiż-żewġ każijiet ewlenin, l-irregolaritajiet ġew identifikati u rrappurtati b'mod proattiv mill-Aġenzija nnifisha lill-OLAF; jinnota wkoll li, wara li rċieva r-rapporti finali tal-OLAF, l-EIT ħa azzjoni korrettiva immedjata, b'mod partikolari għall-irregolarità prinċipali, inklużi s-sospensjoni tal-pagamenti kollha lill-benefiċjarju kkonċernat, it-terminazzjoni prematura tal-ftehim ta' għotja li għaddej, u l-bidu ta' proċeduri ta' rkupru għal għotjiet affettwati fil-passat, kif ukoll irrikjeda lill-benefiċjarju jtejjeb il-proċessi u l-proċeduri tiegħu; jistenna li l-EIT jimplimenta bis-sħiħ l-azzjonijiet ta' segwitu kollha misluta mir-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF u jiżgura li l-mekkaniżmi ta' kontroll imsaħħa jimmitigaw b'mod effettiv riskji simili f'ċikli ta' finanzjament futuri;

142. Jirrimarka li minħabba l-kumplessità ta' wieħed mit-tliet każijiet, l-EIT qed jaħdem mill-qrib mas-servizzi legali tal-Kummissjoni, l-OLAF u d-DĠ BUDG u l-ammont stmat li għandu jiġi rkuprat bħalissa huwa stmat li huwa ta' madwar EUR 15-20 miljun;

143. Jirrikonoxxi li, fl-2024, l-EIT ivvaluta l-kontrolli interni tiegħu u identifika tliet riskji ewlenin bi probabbiltà għolja ta' okkorrenza u impatt sinifikanti fuq l-attivitajiet tiegħu:

- Riżorsi Umani insuffiċjenti: jinnota li l-Qorti u s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni jirrikonoxxu dan ir-riskju, filwaqt li jenfasizzaw l-irregolaritajiet minħabba nuqqas ta' persunal; iħeġġeġ li jiżdied l-għadd tal-persunal u li l-finanzjament jiżdied kif xieraq;

- Progress Strateġiku tal-KKI: jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) jista' jkun li

ma jilħqux l-objettivi strateġiċi minħabba nuqqas ta’ allinjament, frodi, jew fatturi oħra; huwa mħasseb li xi KKI għadhom lura fis-sistemi kontra l-frodi, u r-rieżamijiet għaddejjin tal-investigazzjonijiet tal-OLAF relatati mal-KKI potenzjalment se jeħtieġu rkupru tal-fondi;

– Theddid għaċ-Ċibersigurtà: l-attakki ċibernetiċi joħolqu riskju għoli ħafna, u potenzjalment iħallu impatt fuq il-kontinwità tal-operat, jikkawżaw telf ta’ data, u jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni;

144. Jiġbed l-attenzjoni għal żewġ irregolaritajiet baġitarji fil-baġit emendatorju tal-EIT għall-2025:

– ekwilibriju baġitarju: jinnota li l-verżjoni oriġinali wriet dħul ta’ EUR 463,6 miljun vs nefqa ta’ EUR 446,7 miljun, bi ksur tal-Artikoli 8 u 16 tar-Regolament Finanzjarju Qafas; jirrikonoxxi l-verżjoni kkoreġuta fl-31 ta’ Marzu 2025;

– żball fil-klassifikazzjoni tad-dħul: jinnota li l-EIT inkluda EUR 16,7-il miljun fi dħul assenjat estern taħt it-Titolu 2 “Kontribuzzjonijiet” minflok ma ħoloq kapitolu ddedikat, bi ksur tal-Artikoli 8, 20, 21 u 25; jinnota li minn dak iż-żmien ’l hawn, l-EIT impenja ruħu li jirristruttura l-baġit tiegħu biex jikklassifika tali dħul kif suppost fl-2025;

145. Jinnota li l-kuntratt qafas tal-EIT għas-servizzi tal-ivvjaġġar ma jikkonformax mat-termini kuntrattwali, peress li ma jintużawx formoli tal-ordnijiet jew kuntratti speċifiċi biex jiġu ordnati servizzi tal-ivvjaġġar; josserva li l-EIT jiddependi fuq l-ordnijiet ta’ missjonijiet tal-persunal bħala impenji legali iżda jonqos milli jikkomunikahom lill-kuntrattur, u minflok jiddelega r-responsabbiltà sħiħa lill-membri tal-persunal li jkunu se jivvjaġġaw, li huma meħtieġa jordnaw is-servizzi tal-ivvjaġġar tagħhom direttament permezz tal-posta elettronika; jenfasizza tliet każijiet fejn l-ordnijiet ta’ missjoni u t-talbiet għall-kostijiet ma ġewx approvati mill-persunal delegat kif xieraq, u li l-EIT ma għandux sistema affidabbli biex jimmonitorja l-aderenza mal-limitu massimu tal-kuntratti; jirrikonoxxi t-tweġiba tal-EIT li tikkonferma li l-limitu massimu tal-kuntratti ma nqabiżx iżda jistieden lill-Aġenzija tiżgura delega xierqa tal-awtorità tal-approvazzjoni, u timplimenta sistema ta’ monitoraġġ biex tittraċċa l-konformità mal-limitu massimu tal-kuntratti;

146. Josserva li l-EIT irriporta EUR 118 697 f’impenji għall-kostijiet tal-persunal għall-2025 bħala approprjazzjonijiet C9, minkejja li l-Artikolu 12(5) tar-Regolament Finanzjarju Qafas jirrikjedi l-kanċellazzjoni ta’ tali impenji sa tmiem is-sena; jinnota r-rikonoxximent tal-kwistjoni mill-EIT u l-impenn li jsaħħaħ il-kontrolli interni biex dan ma jerġax iseħħ;

147. Jinnota r-rwol strateġiku tal-EUSPA bħala pilastru ewlieni tal-Programm Spazjali tal-UE fit-tisħiħ tal-bażi industrijali, il-

kompetittività u l-innovazzjoni tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni, meta tħejji l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, tiżgura li l-EUSPA tingħata s-setgħa u r-riżorsi adegwati biex issaħħaħ il-prestazzjoni u l-kapaċità ta' twassil tagħha b'appoġġ għall-awtonomija strateġika u s-sovranità tal-Unjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' kompiti ġodda skont l-Att tal-UE dwar l-Ispazju; jissottolinja l-importanza li tingħata prijorità lill-akkwist Ewropew f'oqsma kritiċi għar-reżiljenza, is-sigurtà u l-indipendenza teknoloġika tal-Unjoni;

148. Jistieden lill-aġenziji jieħdu azzjoni fuq l-osservazzjonijiet tal-Qorti, b'mod partikolari li:

(i) l-Uffiċċju tal-BEREC jiżgura konformità sħiħa mar-regoli tal-akkwist billi jiddefinixxi b'mod sistematiku l-kriterji tal-għażla fil-proċeduri nnegozjati u jsaħħaħ il-mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kapaċità;

(ii) is-CdT isaħħaħ il-kontrolli tal-akkwist biex jipprevjeni r-rikorrenza ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli finanzjarji tal-Unjoni u dawk interni;

(iii) l-ENISA tadotta deċiżjonijiet ta' finanzjament qabel l-akkwist, tintroduċi linji gwida u kontrolli *ex ante* għall-organizzazzjoni tal-konferenzi, u tiżgura ż-żamma ta' dokumentazzjoni kompluta u kriterji tal-għażla li jistgħu jitkejlu fil-proċeduri kollha;

(iv) l-EIT isaħħaħ is-superviżjoni tal-verifikaturi esterni u jtejjeb il-listi ta' kontroll tar-rieżamijiet tiegħu, jiżgura ekwilibriju baġitarju u klassifikazzjoni tad-dħul kif suppost, itejjeb l-implimentazzjoni tal-kuntratt qafas tas-servizzi tal-ivvjaġġar tiegħu, u jsaħħaħ il-kontrolli interni biex jiġu evitati riporti irregolari;

149. Barra minn hekk, jistieden lill-aġenziji li ġejjin:

(i) l-Uffiċċju tal-BEREC biex jirrapporta lill-Awtorità ta' Kwittanza dwar it-tlestija f'waqtha tal-evalwazzjoni ta' ħames snin tal-Kummissjoni li suppost ilha li saret, u s-segwitu għaliha;

(ii) l-ENISA biex tinforma lill-Awtorità ta' Kwittanza dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi dwar l-ippjanar tal-akkwist, il-ġestjoni tal-konferenzi, u d-dokumentazzjoni tal-proċedura ta' riċerka u żvilupp;

(iii) l-EIT biex jaġġorna lill-Awtorità ta' Kwittanza dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF u jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kontroll biex tiġi evitata r-rikorrenza fil-futur; biex ikompli jsaħħaħ il-governanza taċ-ċibersigurtà tiegħu f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE, Euratom) 2023/2841, ħalli jtejjeb ulterjorment il-kapaċitajiet interni tar-reżiljenza

ċibernetika; biex jistabbilixxi politika dwar l-aċċess għad-dokumenti li tippermetti l-iskrutinju parlamentari u pubbliku tal-użu tal-fondi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI);

(iv) is-CdT biex ikompli jtejjeb l-aċċessibbiltà tad-dokumenti fil-lingwi kollha tal-Unjoni sabiex jiżgura aċċess ugwali għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni;

150. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tidentifika problemi sistemiċi fl-aġenziji kollha fir-rigward tal-akkwist ta' servizzi tal-IT, biex jiġi esplorat jekk sejħiet ġodda għall-akkwist humiex dejjem meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju, biex jiġi esplorat jekk għandhomx jiġu introdotti regoli speċifiċi u aktar flessibbli fir-rigward tal-akkwist tal-IT, biex jiġu pprovduti appoġġ u sorveljanza għall-aġenziji f'dan ir-rigward;

(ii) tipprovdi taħriġ adegwat fil-proċeduri ta' akkwist; tħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza kwistjonijiet sistemiċi fil-proċeduri ta' akkwist fl-aġenziji kollha, sabiex taċċerta x'inhuma l-oqsma problematiċi speċifiċi u tissuġġerixxi soluzzjonijiet.